# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 1173/11/1 JPG**

**L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto, Henry Deguara Caruana Gatto u l-Avukat Dottor Francis Lanfranco**

**v.**

**L-Avukat Dottor Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, amministratur tal-Beni Ekklesjastiċi kollha ta' Malta u b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2012, jiżdiedu l-kliem wara l-kelma Malta 'kif ukoll fl-isem l-Arċidjoċesi ta' Malta' u b'digriet datat 20 ta' Frar, 2014, ġiet kjamata in kawża il-Parroċċa ta' Wied il-Għajn**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-atturi, kif ukoll żewġ appelli inċidentali tal-imħarrkin, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet it-talbiet

kollha tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom, u dan wara li laqgħet is-sitt eċċezzjoni tal-Avukat Dottor Michelle Tabone *nomine* (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala "l-Arċidjoċesi") u d-disa' eċċezzjoni tal-Parroċċa ta' Wied il-Għajn (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "il-Parroċċa"), filwaqt li ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin. Bl-istess appell, l-atturi qegħdin jappellaw ukoll minn digriet interlokutorju mogħti fl-20 ta' Frar, 2014, u li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-Ewwel Qorti") laqgħet it-talba tal-Arċidjoċesi għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa;

2. L-azzjoni attriċi tirrigwarda t-tħassir ta' att nutarili pubbliku ta' donazzjoni ta' ġid mobbli, immobbli u benefikati magħmul mill-awtriċi fil-jeddijiet tal-atturi f'din il-kawża lill-Arċidjoċesi għar-raġuni ta' nuqqas ta' tħaris tal-kundizzjonijiet li taħthom saret id-donazzjoni;

***<u>L-Appell mid-Digriet tal-20 ta' Frar, 2014</u>***

3. Peress li d-deċiżjoni dwar l-appell mid-digriet interlokutorju tal-20 ta' Frar, 2014, jista' jkollha konsegwenzi diretti fuq il-qagħda tal-Parroċċa f'din il-kawża, il-Qorti ser tibda billi, qabel kull ħaġ'oħra, tistħarreġ l-ilmenti li tressqu **<u>fl-ewwel aggravju tal-appell ewlieni</u>** li fuq is-saħħa tagħhom l-atturi appellanti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex "*tħassar u tirrevoka d-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi fl-20 ta'*

*Frar 2014, fejn laqgħet it-talba sabiex tiġi kjamata in kawża il-Parroċċa ta' Wied il-Għajn*";

4. Qabel ma tgħaddi biex tqis dan, jixraq però li jingħata sfond qasir ħafna dwar fuq xiex titratta din it-tilwima. Fi ftit kliem, b'din l-azzjoni l-atturi qegħdin ifittxu t-tħassir ta' kuntratt ta' donazzjoni li ġie ppublikat min-nutar Dottor Paul Pullicino, fl-14 ta' Awwissu 1997[1], u li bih l-aħwa Maria Carmela *sive* Carmelina Debattista u Agatha Formosa Gauci (minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll bħala "d-donaturi"), għaddew b'titolu ta' donazzjoni lill-Arċidjoċesi ta' Malta, l-proprjetà mmobbli msejħa bħala "*Villa Manduca*", flimkien mal-ġonna, bosta artijiet u djar żgħar li jmissu magħha, kif ukoll il-Kappella f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju, li tinstab fl-istess post. Bl-istess donazzjoni, id-donaturi għaddew ukoll lill-Arċidjoċesi kull jedd ta' ġuspatrunat li kienu jgawdu fuq il-Kappella msemmija, kif ukoll l-oġġetti kollha eżistenti f'dik l-istess Kappella, li ġew imniżżla f'inventarju li ġie mehmuż flimkien ma' dak l-istess kuntratt[2]. Ir-raġuni wara t-talba għat-tħassir ta' dan il-kuntratt u l-konsegwenzjali żgumbrament tal-Arċidjoċesi minn dan il-ġid qed jissejjes kollu fuq ix-xilja li l-Arċidjoċesi ddekadiet minn kull jedd li akkwistat bl-istess kuntratt u dan għaliex, skont l-atturi, hija naqset milli tħares dawk l-obbligazzjonijiet li ntrabtet li twettaq, u partikolarment għaliex ma wżatx il-ġid donat għall-

[1] Dok "PL1", f'paġ. 313 – 5 tal-proċess
[2] 'Dokument PL1', u partikolarment §§(a), (b), (ċ) u (d), f'paġ. 313 sa 314.

għanijiet imsemmija f'dak l-istess kuntratt ta' donazzjoni, u ma wettqitx il-piżijiet piji li wegħdet li kienet ser twettaq;

5. L-Arċidjoċesi laqgħet għal dan kollu billi fost l-oħrajn, ċaħdet li d-donazzjoni ta' Awwissu tas-sena 1997, kienet mgħobbija bl-obbligi kollha li ġew imsemmija fir-rikors maħluf li bih l-atturi fetħu l-kawża, u li hija kisret xi obbligi li assumiet b'dak l-att ta' donazzjoni. Ressqet ukoll l-argument, li anke li kieku stess kien hemm xi nuqqas min-naħa tagħha, l-obbligi li hija assumiet kienu ta' natura modali ('*modus*') u mhux kondizzjonali ('*conditio*'), u b'hekk skont il-liġi u l-ġurisprudenza, it-talba tal-atturi għar-rexissjoni tal-att ta' donazzjoni hija "*ġuridikament irrita, nulla u inammissibli*" għaliex dak ir-rimedju jgħodd biss għall-klawsoli ta' natura kondizzjonali, u mhux dawk li n-natura tagħhom hija ta' *'modus'*[3];

6. Hekk kif il-kawża kienet fl-istadju tal-ġbir tal-provi tal-atturi, u sewwasew fis-17 ta' Ottubru, 2013, l-Arċidjoċesi ressqet rikors li bih fissret kif f'dak iż-żmien, kif ukoll fiż-żmien ta' qabel, il-Parroċċa kienet għamlet u qed tagħmel użu "*konsistenti, attiv u assidwu*" tal-ġid donat. Fuq il-premessa li l-Parroċċa għandha interess ġuridiku primarju xi tħares f'din il-kawża, l-Arċidjoċesi mbagħad talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tordna s-sejħa fil-kawża ta' dik il-Parroċċa[4];

[3] Ara r-risposta maħlufa tal-Arċidjoċesi, paġ. 61 sa 63 tal-proċess.
[4] Ara r-rikors ta' Dottor Michelle Tabone *nomine,* tas-17 ta' Ottubru, 2013, paġ. 478.

7. Wara li rat x'kellhom xi jwieġbu l-atturi, kif ukoll semgħet x'kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet fit-trattazzjoni bil-fomm li nżammet waqt is-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2013, b'digriet tal-20 ta' Frar, 2014,[5] l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Arċidjoċesi għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa ta' Wied il-Għajn, u wara li ordnat li r-rikors ġuramentat jiġi notifikat lill-istess Parroċċa, tat lil dik il-Parroċċa, l-jedd li tressaq risposta maħlufa skont il-liġi;

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex, tilqa' t-talba tal-Arċidjoċesi għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa kienu dawn:

> "***Ikkonsidrat:***
>
> *L-Artikoli tal-ligi li jirregolaw l-intervent u s-sejha ta' persuna f'kawza, huma Artikoli 960 u 961 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jiddisponu testwalment:*
>
> > ***"Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha."*** *(Artikolu 960)*
> >
> > ***Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill- partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba."*** *(Artikolu 961)*
>
> *Is-sentenza* ***Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili vs Panta Contracting Limited et*** *deciza* ***fit-18 ta' Novembru 1998*** *per* ***Onor. Imh. Raymond Pace*** *iddelinjat diversi principji u cirkostanzi li fihom gie amess b'success kjamat f'kawza bejn partijiet ohra :-*
>
> > *"(1)* ***"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita tal-giudizzju, b' mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-re-integrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.***

[5] Paġ. 515 tal-proċess

> *"(2)* ***Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il-kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru 1991)."***

*L-istess sentenza osservat illi l-Istitut tal-Kjamat in Kawza gie utilizzat mill-Qrati Maltin sabiex jinkludi cirkostanzi fejn:*

> ***"(a) jigu evitati multiplicita ta' kawzi u gudizzji: "Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa" (App.Civ. 26 ta' Gunju 1961);***
>
> ***(b) tigi evitata possibilita ta' giudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzzjoni - "A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia" (App. Civ. 26 t'Ottubru 1956);***
>
> ***(c) l-interess tal-konvenut verso terza persuna jigi protett – "Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe" (Prim Awla. 11 ta' Marzu 1952);***
>
> ***(d) ikun fl-interess ta' terza persuna u l-attur, sabiex il-giudizzju jigi osservat sew - "Anthony Cini vs Joseph Demanuele" (App.Civ. 8 ta' Frar 1946)".***

*Fis-sentenza* ***"Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et"*** *deciza* **mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997,** *dik il-Qorti irriteniet:*

> ***"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".***
>
> ***L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".***
>
> ***(Vide ukoll Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine deciza fis-6 ta' Ottubru 2000,mill-Qorti tal-Appell vol LXXXIV PT.II Sez.I Pt.III a fol 1169****;* ***Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru.1991 ; Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited deciza fit-8 ta'Ottubru 2004 per Onor. Imh. Geoffrey Valenzia u kif ukoll Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et. deciza fl-1 ta'Lulju 1999 per Onor. Imh. Raymond Pace)***

*Illi tant gie zviluppat il-kuncett tal-kjamat in kawza, dettat mill-pratticita li jigu evitati kawzi irdoppjati, li meta in-necessita tal-kjamata in kawza tigi rikonoxxuta mill-Qorti, jsir dover tal-istess Qorti li tordnaha mhux biss fuq talba tal-partijiet* ***izda anke ex officio****.*

*Il-Qorti pero trid taccerta li tali kjamata in kawza ma tintalabx sabiex jittawwlu l-proceduri inutilment jew sabiex tigi snaturata l-azzjoni attrici, (vide sentenza* ***George Cutajar vs Edward Vincenti Kind pro et nomine*** *– Prim Awla deciza fil-****15 ta' Marzu 1953****) altrimenti, istitut mahluq ghall-effikacja, jitlef ghal kollox il-pratticita tieghu, u jsir minflok mezz ta' frustrazzjoni tal-ahjar Amministrazzjoni tal- Gustizzja.*

***Ikkonsidrat:***

*Il-kaz in ezami, jirrigwardja talba, fost ohrajn, ghar-rexxissjoni ta' att ta' donazzjoni tal-14 t'Awwissu 1997 minhabba allegat dekadenza t'osservanza tal-obbligazzjonijiet assunti mill-intimata nomine.*

*Illi kemm mix-xhieda tal-intimat l-Eccellenza tieghu Monsijur Arcisqof, kif ukoll mill-affidavit tal-Kappillan ta' Wied il-Ghajn, jirrizulta illi l-proprjeta' inkwistjoni giet destinata biex tintuza mill-Parrocca ta' Wied il-Ghajn ghall-skopijiet pastorali u spirtiwali mill-istess Arcisqof. Ghaldaqstant minkejja li l-partijiet fil-kuntratt tad-donazzjoni indikat ma jinkludux lill-Kappillan ta' Wied il-Ghajn, (kif sewwa jaffermaw l-atturi) l-istess Parrocca ta' Wied il-Ghajn, ghandha interess guridiku fil-vertenza principali u ghaldaqstant ghandha d-dritt u dover illi tressaq kwalunkwe prova illi jidrilha necessarja, biex tissalvagwarda id-drittijiet tal-Parrocca ta' Wied il-Ghajn.*

*Illi kif jirrizulta mill-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 kif ukoll mill-gurisprudenza citata, talba ghal-kjamat in kawza tista' tigi intavolata, fi kwalunkwe stadju tal-procedura sas-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad, apparti li tista' ssir ex officcio mill-Qorti.*

*Illi l-kawza giet intavolata fil-25 ta' Novembru 2011, u ma jidhirx mill-atti tal-kawza illi hemm xi parti illi qed tipprova, b'xi mod anke remot, li tiddelunga il-proceduri u hija dover ta' din il-Qorti sabiex tassigura li dan ma jsirx, u hekk qed timxi din il-Qorti.*

*Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-intimata nomine ghall-kjamat in kawza tal-Parrocca ta' Wied il-Ghajn, u ghaldaqstant tordna illi r-rikors promotorju jigi notifikat lill-istess Parrocca ta' Wied il-Ghajn, bi dritt taghha ghar- risposta skond il-Ligi, bl-ispejjez tan-notifika a karigu tal-intimata nomine.*

*Spejjez ta' dina l-vertenza qed jigu riservati ghad-decizjoni finali."*

9. Jidher li l-atturi ma qablu xejn ma' din id-deċiżjoni u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali li ġew imfissra f**l-ewwel aggravju** tal-appell ewlieni;

10. L-ewwel raġuni li għaliha l-appellanti qed jinsistu li d-digriet tal-20 ta' Frar, 2014 għandu jitħassar hija għaliex, fi kliemhom, il-Parroċċa ta' Wied il-Għajn m'għandhiex personalità ġuridika separata mill-Arċidjoċesi ta' Malta. Sabiex ifissru dan, l-atturi appellanti qed iressqu dawn l-argumenti:

> *"1. Illi fl-ewwel lok, il-Parroċċa ta' Wied il-Għajn ma għandhiex personalità ġuridika separata mill-Arċidjoċesi ta' Malta, kif teżiġi l-liġi taħt l-artikolu 4(e) tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *2. Illi l-Parroċċa ta' Wied il-Għajn m'hijiex persuna, m'hijiex persuna separata u distinta skont l-artikolu 1 tat-Tieni Skeda taħt il-Kodiċi Ċivili u lanqas ma hija reġistrata taħt l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji taħt il-Kap. 492.*
>
> *3. Illi anzi minn qari ta' l-artikolu 180 tal-Kap. 12 il-liġi tgħid li l-Knisja għandha personalità ġuridika kif il-liġi stess tagħti bħala awtorizzazzjoni l-Ekonomu sabiex jidher għall-Knisja taħt l-artikolu 786 tal-Kap 12, iżda żgur u ċertament il-Parroċċa ma għandhiex personalità ġuridika, għax li kieku kien hekk, il-liġi stess taħt l-artikoli 180, 181A tal-Kap 12 jew taħt artikolu ieħor kien jikkontjeni dan.*
>
> *4. Illi l-leġislatur bl-emendi reċenti li daħħal kemm permezz tal-Att 492 (sic) kif ukoll dawn l-emendi li llum jinsabu taħt il-Kap 16 u taħt il-Kap. 249, ried li jirregola dan il-punt u ried ukoll jirrestrinġi u jirregola preċiżament personalità legali;*
>
> *5. Illi fil-każ de quo, u b'kull rispett għalkemm l-Eknomu tal-Arċisqof iffirmat ir-risposta tal-Parroċċa ta' Wied il-Għajn, il-Parroċċa ta' Wied il-Għajn m'għandhiex personalità ġuridika separata u distinta mill-Knisja Kattolika ta' Malta debitament rappreżentata mill-Eknonomu tal-Arċisqof pro tempore;*
>
> *6. Illi li kieku l-Parroċċa għandha identità separata, l-artikolu 786 tal-Kap 12 kien ikun miktub mil-leġislatur b'mod differenti – "ubi lex voluti dixit" – u li kieku dan kien l-iter li kull Parroċċa tal-Knisja kattolika f'Malta jkollha l-personalità ġuridika separata u distinta, il-Parroċċi kienu jitniżżlu b'mod separat taħt il-Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta."*

11. It-tieni raġuni li għaliha l-appellanti qegħdin ukoll jitolbu li jiġi mħassar id-digriet tal-20 ta' Frar, 2014, hija mbagħad imsejsa fuq l-argument li l-Parroċċa ta' Wied il-Għajn, ma tgawdix mill-interess ġuridiku meħtieġ biex toqgħod bħala parti f'din il-kawża. Jargumentaw li l-'liġi speċjali' li 'tirregola dan il-każ' hija l-kuntratt ta' donazzjoni nnifsu, li fih il-Parroċċa jew il-Kappillan ta' Wied il-Għajn ma jissemmew imkien. Jgħidu li bid-deċiżjoni tagħha, l-Ewwel Qorti warrbet għal kollox il-prinċipju li skont l-Artikolu 1001 tal-Kap. 16 tal-Liġiijet ta' Malta, il-kuntratti jorbtu biss lill-partijiet, u peress li din il-kawża hija dwar ir-rexissjoni ta' kuntratt, allura huma l-partijiet biss f'dak il-kuntratt li jgawdu mill-interess ġuridiku biex joqogħdu f'din il-kawża. Jisħqu li l-Parroċċa ma kinitx parti f'dan il-kuntratt u għalhekk, id-digriet għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa għandu jitħassar u lanqas m'għandhom jitqiesu l-eċċezzjonijiet imqajmin mill-Parroċċa għat-talbiet attriċi;

12. L-imħarrkin laqgħu għal dawn l-ilmenti billi bdew biex ifissru kif il-Parroċċa hija tabilħaqq meqjusa bħala entità ġuridika separata minn dik tal-Arċidjoċesi. F'dan ir-rigward, jirreferu għal bosta sentenzi li fihom intqal li d-dritt kanoniku għadu validu u jgħodd f'materji ekkleżjastiċi, kif ukoll għamlu referenza għall-Artikolu 1742 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 515(3) tal-Kodiċi Kanoniku, li fi kliemhom, dan tal-aħħar, jaqra li: "*[a] lawfully established parish has juridical personality by virtue of the law itself*". Fost sottomissjonijiet oħra, iressqu wkoll l-

argument li l-atturi stess qed jirrikonoxxu li l-Parroċċa tgawdi minn personalità ġuridika separata minn dik tal-Arċidjoċesi, u dan meta qed jargumentaw li l-Parroċċa m'għandhiex interess ġuridiku biex toqgħod bħala konvenuta f'din il-kawża għaliex ma kinitx parti mill-kuntratt ta' donazzjoni;

13. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-argument li l-Parroċċa ma tgawdix mill-interess ġuridiku biex toqgħod bħala parti f'din il-kawża, il-konvenuti appellati mbagħad issottomettew li l-Ewwel Qorti mhux biss daħlet fil-fond dwar l-istitut tas-sejħa fil-kawża u laħħmet id-deċiżjoni tagħha b'għadd ta' sentenzi, iżda wkoll fehmet bl-eżatt il-ħtieġa tas-sehem tal-Parroċċa f'din il-kawża biex tirribatti x-xiljiet tal-atturi appellanti. Jargumentaw li l-Parroċċa ma jistax ikollha aktar interess milli għandha u dan għaliex, bħala enti djoċesan, hija din il-Parroċċa li qed tagħmel l-aktar użu mill-ġid donat li dwaru hija din it-tilwima, u dan wara deċiżjoni tal-Arċisqof stess;

14. Wara li l-Qorti qieset l-argumenti tal-partijiet u dan fid-dawl tal-atti proċesswali u partikolarment dawk li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha meta ġiet biex tikteb id-digriet appellat, din il-Qorti tibda biex tosserva li, fis-sottomissjonijiet tagħhom qabel ma ngħata l-provvediment appellat, l-atturi ma ressqu l-ebda wieħed mill-argumenti li qed iressqu issa fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju, u sewwasew taħt ir-ras: '*A. Personalità*

*Ġuridika*'[6]. Filwaqt li l-appellanti ma jistgħu qatt jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tindirizza argumenti li ma tressqux għall-konsiderazzjoni tagħha, f'kull każ, huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni, m'għandhiex tqis il-mertu ta' kwistjoni '*noviter*' li ma tkunx ġietx dibattuta quddiem l-Ewwel Qorti[7], u dan għaliex li kieku kellu jsir hekk, dan iwassal biex jintilef il-benefiċċju tal-eżami doppju[8];

15. Filwaqt li dan li għadu kif intqal huwa biżżejjed biex titwarrab l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-atturi, raġuni oħra għalfejn din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel ilment tal-appellanti mhuwiex mistħoqq titnissel imbagħad mill-fatt li quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti għażlu li jopponu għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa fuq l-argument li din ma tgawdix mill-interess ġuridiku meħtieġ biex tieħu sehem bħala parti f'din il-kawża, u dan sewwasew għaliex ma kinitx waħda mill-partijiet li dehru fuq il-kuntratt ta' donazzjoni li huwa l-mertu ta' din il-kawża. Fih innifsu, dak l-argument jimplika li l-atturi nfushom kienu qed jagħrfu li l-Parroċċa għandha personalità ġuridika separata mill-Arċidjoċesi, tant li fit-tweġiba tagħhom qalu li: "*...żgur illi m'huwiex il-każ illi **<u>xi personalità ġuridika oħra</u>** estraneja għall-kuntratt ta' donazzjoni għandha tissejjaħ ukoll fil-kawża*

[6] Il-Qorti qiegħda tirreferi għal §§1 sa 6 tar-rikors tal-appell, li ġew imniżżla taħt ir-ras *"A. Personalità Ġuridika"* (fol. 1250 – 1251). Għal għanijiet ta' ħeffa ta' referenza, l-istess paragrafi ġew ukoll stampati f'paragrafu 10 ta' din is-sentenza *supra*.
[7] Ara fost ħafna sentenzi oħrajn, is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Asset Investments Limited v. Awtorità tad-Djar,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**13 ta' Ottubru, 2022**, u ***Fracht Malta Limited v. Mohammed Madkour,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Jannar, 2022**.
[8] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Charm Developments Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**23 ta' Frar, 2022**.

*bħala konvenuta!"*[9]. Naturalment din il-pożizzjoni hija għal kollox kontradittorja għall-ilmenti li qed jitqajmu fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju, u għalhekk ukoll, dan l-ilment għandu jiġi miċħud għaliex: '*electa una via non datur recursus ad alteram'*;

16. Ukoll però li kieku, għall-ġieh tal-argument, l-appellanti ressqu quddiem l-Ewwel Qorti s-sottomissjonijet li qed iressqu issa, f'kull każ, it-tali argumenti huma ħżiena, u dan għaliex, kif qed jgħidu sewwa l-imħarrkin, il-parroċċi huma tassew meqjusa bħala entità ġuridika għalihom[10] f'kull djoċesi. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju qegħda għalhekk tiġi miċħuda;

17. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mat-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell ewlieni, u sewwasew fejn qed jiġi argumentat li l-Parroċċa ma kellhiex tissejjaħ fil-kawża għaliex ma tgawdix mill-interess meħtieġ fil-liġi biex toqgħod bħala parti mħarrka f'din il-kawża, il-Qorti

---

[9] Silta meħuda mit-tieni paragrafi tat-tweġiba tal-atturi għar-rikors tal-Arċidjoċesi li fih intalbet is-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa, f'paġ. 487 tal-proċess.

[10] Kan. 515 ta' Kapitolu VI tat-Tielet Titolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-*Codex Iuris Canonici* (1983) jaqra hekk:
*"§1. A parish is a certain community of the Christian faithful stably constituted in a particular church, whose pastoral care is entrusted to a pastor (parochus) as its proper pastor (pastor) under the authority of the diocesan bishop.*
*§2. It is only for the diocesan bishop to erect, suppress, or alter parishes. He is neither to erect, suppress, nor alter notably parishes, unless he has heard the presbyteral council.*
*§3. A legitimately erected parish **possesses juridic personality** by the law itself."* (Enfasi miżjuda)
Ta' relevanza huwa wkoll, Kan. 532, li jgħid: *"In all juridic affairs **the pastor represents the parish** according to the norm of law. He is to take care that **the goods of the parish** are administered according to the norm of cann. 1281-1288."* (Enfasi miżjuda)

taqbel għal kollox mal-Ewwel Qorti li l-Parroċċa tabilħaqq tgawdi minn interess dirett sabiex tieħu sehem bħala parti f'din il-kawża;

18. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat li sad-data li ġie mogħti d-digriet appellat, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha x-xhieda tal-Arċisqof emeritu Pawlu Cremona li fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2013, fisser li huwa kien ħa d-deċiżjoni li jafda t-tmexxija tal-ġid donat lill-Kappillan tal-Parroċċa u li f'dak iż-żmien dan l-istat ta' fatt baqa' ma nbidilx[11]. Dan kollu ġie wkoll imtenni minn Dun Walter Cauchi, li f'dak iż-żmien kien il-Kappillan tal-Parroċċa, li b'affidavit stqarr li, fix-xhur ta' qabel, Monsinjur Arċisqof għoġbu jawtorizzah biex jieħu ħsieb il-ġid donat huwa stess[12]. Fl-istess affidavit, il-Kappillan tal-Parroċċa fisser ukoll x'użu kienet qed tagħmel il-Parroċċa minn dan il-ġid u x'pjanijiet kellha l-Parroċċa għall-ġejjieni dwar l-aħjar użu pastorali tiegħu[13];

19. Filwaqt li ngħad kemm-il darba li l-interess meħtieġ mil-liġi biex persuna tissejjaħ f'kawża b'mod koatt għandu jkun bħall-interess ġuridiku li jkollha parti mħarrka fil-kawża, madanakollu huwa wkoll aċċettat li tali interess jista' jkun msejjes fuq il-fatt li anke jekk ma jiġix direttament ikkundannat jew meħlus, l-imsejjaħ fil-kawża jkun jista' jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi ta' xi ħadd mill-partjiet l-oħrajn, jew

[11] Ara x-xhieda li ta l-Arċisqof *emeritus* Pawlu Cremona fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2013, f'paġ. 500 u 502 tal-proċess.
[12] Ara l-affidavit ta' Dun Walter Cauchi, 'Dok KAP', f'paġ. 103 tal-proċess
[13] *Ibid.*

saħansitra tiegħu nnifsu[14]. Ġie wkoll imfisser minn din il-Qorti li: "*l-iskop tas-sejħa fil-kawża, mhuwiex sempliċiment miżura sabiex titnaqqas il-possibilità li jkun hemm numru ta' kawżi, imma wkoll sabiex jiġi żgurat li min hu interessat ikun parti mill-kawża u sa fejn jista' jiġi milqut bl-eżitu tal-kawża, jiġi akkordat l-opportunità li jiddefendi ruħu*"[15];

20. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li l-Parroċċa għandha interess ġuridiku biżżejjed biex tista' toqgħod bħala konvenuta f'din il-kawża. L-ewwel nett, il-Parroċċa tikkwalifika bħala leġittimu kontradittur għaliex ġaladarba li l-ġid mertu tal-kawża tqiegħed mill-Arċidjoċesi biex jitmexxa u jintuża minn dik il-Parroċċa, allura dan iwassal biex il-Parroċċa kienet u hija materjalment involuta fil-ġrajjiet li setgħu u jistgħu jġibu effetti fuq l-Arċidjoċesi bħala d-donatarja fil-kuntratt mertu tal-każ. Ladarba jidher mad-daqqa ta' għajn li l-Parroċċa kienet u għadha involuta fil-ġrajjiet, allura s-sehem tal-Parroċċa f'din il-kawża huwa siewi għaliex il-parteċipazzjoni tagħha tkompli tixħet dawl fuq din il-kwistjoni, u dan fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Barra minn hekk, l-interess dirett tal-Parroċċa joħroġ imbagħad aktar u aktar mill-fatt li, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi, il-Parroċċa ser tkun qed titlef it-tgawdija tal-ġid mertu ta' din it-tilwima, u b'hekk, tista' tintlaqat

---

[14] Ara f'dan is-sens id-digriet fl-ismijiet ta' ***Avukat Dottor Alfred Grech v. Avukat Ġenerali et.***, ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-**27 ta' Settembru, 2019**. Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti minn appell minn digriet li ngħata fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Peter Gatt noe. v. Mark Schembri et.*** deċiża fl-**20 ta' Lulju, 2020**.

[15] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Cassar Fuel Limited v. Il-Bastiment bl-Isem MV Baltic Wind et.*** deċiża fis-**26 ta' Ottubru, 2022**.

direttament bl-eżitu tal-kawża. Stat bħal dan jagħti d-dritt lill-Parroċċa biex tiddefendi ruħha;

21. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex din il-Qorti tagħti raġun lill-Ewwel Qorti u dan sa fejn laqgħet it-talba tal-Arċidjoċesi għas-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa, b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet li ġew mogħtija mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li s-sejħa fil-kawża tal-Parroċċa hija saħansitra essenzjali għall-għanijiet tat-tieni talba tal-atturi li fiha qed jitolbu lill-Qorti sabiex "*[t]ordna l-konsegwenzjali żgumbrament tal-intimat mill-propjetà kollha in kwistjoni*". Ġaladarba li anke mad-daqqa ta' għajn jidher li l-Parroċċa qed tuża l-ġid mertu ta' din it-tilwima, allura s-sejħa fil-kawża ta' din il-Parroċċa hija, fl-aħħar mill-aħħar, ta' ġid u ta' utilità għall-atturi appellanti nfushom u dan għaliex, f'każ li l-Qorti jkollha tilqa' l-aggravji u t-talbiet tagħhom, dan iwassal biex l-ordni ta' żgumbrament tkun torbot ukoll lill-Parroċċa u mhux lill-Arċidjoċesi biss;

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal għall-fehma li l-**ewwel aggravju tal-appell ewlieni** li għandu x'jaqsam mat-talba għat-tħassir tad-digriet interlokutorju tal-20 ta' Frar, 2014, m'huwiex mistħoqq u għaldaqstant qiegħed jiġi miċħud;

***<u>L-Appell mis-Sentenza Finali tad-9 ta' April, 2018</u>***

23. Issa li nstab li l-qagħda tal-Parroċċa f'din il-kawża mhux ser tittiefes, il-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ **it-tieni u t-tielet aggravji** li

tressqu mill-atturi appellanti fl-appell ewlieni tagħhom, kif ukoll **iż-żewġ appelli inċidentali** tal-imħarrkin li huma lkoll mis-sentenza finali tad-9 ta' April, 2018;

24. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "***Ikkonsidrat;***
>
> *In linja preliminari, Dottor Michelle Tabone noe eccepiet illi il-Monsinjur Arcisqof f'ismu proprju m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi l-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awissu 1997 ma sarx mal-Arcisqof f'ismu proprju, izda mal-Enti Guridiku Ekklesjastiku 'l-Arcidjocesi ta' Malta'. Din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 2012, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.*
>
> ***Ikkonsidrat;***
>
> *Il-kjamata in kawza Parocca ta' Wied il-Ghajn eccepiet preliminarjament illi r-rikorrenti ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom sabiex iressqu din l-azzjoni, peress li huma m'humiex id-donaturi tal-proprjeta in kwistjoni.*
>
> *Mill-provi jirrizulta illi ir-rikorrent Dr. Francis Lanfranco huwa l-eredi universali tal-mejta Maria Carmela sive Carmelina Debattista, kif jidher mit-testment taghha a fol 27 et seqq, li kienet tinkludi sehem konsistenti f'nofs indiviz tal-proprjeta in kwistjoni. Minn naha taghhhom, ir-rikorrenti Dr. Mark Attard Montalto u Henry Degaura Caruana Gatto huma s-successuri fit-titolu ta' d-donatrici l-ohra, Agatha Formosa Gauci, in forza tal-att ta' donazzjoni tas-7 ta' Frar 2007, fejn gew donati 'any residual rights which emanate" mid-donazzjoni in kwistjoni.*
>
> *F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim ta' Laurent, li msemmija li huwa possibili, fil-kaz ta' inadempjenza tal-kondizzjoni imposti fil-kuntratt ta' donazzjoni, ghall-eredi tad-donatur li jistitwixxu azzjoni ghar-revoka tad-donazzjoni, u dan anke meta l-inadempjenza tkun okkoriet wara l-mewt tad-donatur.*[16] *Ghalhekk huwa car illi r-rikorrenti kollha ghandhom it-titolu necessarju sabiex jippromwovu din l-azzjoni. Konsegwentement din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

[16] F. Laurent, *Supplemento ai Prinicipi di Diritto Civile*, Vol. IV (*Societa Editrice Libraria*, 1905) 142.

***Ikkonsidrat;***

*Dottor Michelle Tabone noe ressqet ukoll numru ta' eccezzjoniet, bin-numru 2 sa 4 rigward kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma negozju li kien qed jigi trattat mill-partijiet qabel ma giet intavolata din il-kawza. Huwa car li t-talbiet li saru mir-rikorrenti huwa msejsa fuq il-kuntratt ta' donazzjoni innifsu, u fuq inadempjenza ta' obbligi imposti minnu li qed tigi allegata mir-rikorrenti, u ghalhekk il-Qorti tqis illi dawn l-eccezzjonijiet huma infondati u qed jigu respinti.*

***Ikkonsidrat;***

*L-intimati stess ex admissis jaccettaw illi l-oneri imposti f'din id-donazzjoni kienu tat-tip modus. It-terminu modus li gej mid-dritt Ruman, gie definit bhala:*

> ***"[a] measure, a limit. In the meaning of a burden, a duty imposed in acts of liberality (donations, legacies, manumissions) on a beneficiary, the term is of late origin…Sometimes the term covers what was a CONDICIO (condition) in the classical language. In the classical law it was disputable whether a duty imposed as a modus created on the part of the beneficiary a binding obligation."[17]***

*It-terminu* ***'modo'*** *gie definit mill-***awturi Bonilini u Confortini** *b'dan il-mod:*

> ***"Il modo costituisce un peso od onere con il-cuale il donante impone al donatario l-obbligo di destinare parte u tutto il proprio vantaggio per il perseguimento di uno scopo o di compiere una azione a vantaggio del donante stesso o di un altro."[18]***

*"Skont id-dritt Ruman ukoll, din id-donazzjoni, msejjha bhala 'donatio sub modo' hija:*

> ***"[a] donation in which the donor imposed on the donee a certain performance (for instance, the erection of a monument in his honour). The term modus was unknown to the classical language in such connection. The beneficiary was only morally obliged to fulfil the donor's wish, unless it was expressed in the form of a condition ("si…") of the validity of the donatio or the donee assumed the pertinent duty by a stipulatio. Imperial and Justinian's legislation gave the donor and his heirs means to enforce the fulfilment of the modus or to annul the donation."[19]***

---

[17] **A. Berger, *Encyclopaedic Dictionary of Roman Law* (The American Philosophical Society, 1953) 585.**
[18] **G. Bonilini u M. Confortini, '*Codice Commentato delle Succesioni e Donazioni*' ( 2nd ed, UTET Guridica 2011) 1203.**
[19] *Ibid*., 443.

*Fid-dritt Ruman, din it-tip ta' donazzjoni kienet tissejjah ukoll bhala* ***'negotium mixtum cum donatio'*** *li jinsab definit bil-mod li gej:*

> ***"A bilateral transaction with reciprocal but unequal performances, wherein one of the parties intending to make a donation gave the other party a thing of much greater value than he was receiving."***[20]

*"L-awtur* ***R.W.Lee*** *jikkonferma illi sa minn zmien id-dritt Ruma kien possibli illi donazzjoni sub modo kienet taghraf mid-dritt ta' rexissjoni fil-kaz ta' inadempjenza, kif jidher minn din is-silta:*

> ***"If a gift was made with a limitation or charge annexed to it (donatio sub modo) to which the donee failed to give effect, the gift might be recalled."***[21]

*"Skont Laurent l-inadempjenza ta' oneru mpost f'kuntratt ta' donazzjoni tista' twassal ghar-rexissjoni tad-donazzjoni, u dan anke fil-kaz illi l-inadempienza hija parziali.*[22]

*"Inghad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ippolito Matarazzo Virginia vs Istituto delle Suore Missionarie Catechiste del Sacro Cuore*** *deciza mill-Corte di Cassazzione Taljana fit-30 ta' Settembru 2014 rigward id-donazzjoni modali illi:*

> ***"…se è indubitabile che l'onere imposto al donatario costituisce vera e propria obbligazione, sicché la mancata sua esecuzione, quando sia determinata da inadempimento imputabile al donatario - onerato, può essere causa di risoluzione della donazione, qualora, giusta la previsione del 4 0 co. dell'art. 793 c.c., nel medesimo atto di liberalità la risoluzione sia espressamente preveduta (cfr. Cass. 30.3.1985, n. 2237), non è, al contempo, contrariamente a quanto pretende la ricorrente, per nulla da censurare - ben vero al di là del riferimento nella motivazione all'art. 1455 c.c. - l'affermazione della corte distrettuale secondo cui "deve pur effettuarsi una valutazione della rilevanza della presunta violazione con riferimento oltre che alla volontà dei contraenti, alla natura e finalità del rapporto, nonché al concreto interesse dell'altra parte" (così sentenza d'appello, pag. 16)."***

*F'sentenza ohra, il-Corte di Cassazione Taljana ordnat ir-rexissjoni ta' donazzjoni maghmula mir-rikorrenti lill-intimata, wara li rrizulta li l-intimata ma kienetx onorat il-kondizzjoni mposa fil-kuntratt ta' donazzjoni li taghti assistenza morali u materjali lid-donatarju u martu, u wara li l-intimata naqset milli tressaq prova sodisfacjenti illi l-inadempiment ma kienx imputabbli lilha.*[23] *Filfatt, skont l-istess Corte*

---

[20] *Ibid*., 594.
[21] R. W. Lee, *The Elements of Roman Law* (IV Ed., Sweet and Maxwell Limited 1956) 148.
[22] Laurent, vide nota 1, 141 - 145.
[23] **Barrasso Maria Grazia vs Annese Maria,** Corte di Cassazione, Num. 21208, deciza 17 ta' Settembru 2013.

*di Cassazione, huwa possibli li l-Qorti tordna x-xolljiment ta' donazzjoni fil-kaz ta' inadempjenza, jekk ikun hemm prova mir-rikorrenti tal-inadempjenza allegata,*

> *"…il donatario convenuto in risoluzione per inadempiemento del modus donativo a dover provere la causa non imputabile dell'inadempimento stess…"*[24]

*L-awturi Bonilini u Confortini wkoll jikkonfermaw illi l-inadempjiment ta' oneru mpost f'kuntratt ta' donazzjoni jista' jwassal ghar-rexissjoni tal-kuntratt, ghalkemm skont il-ligi Taljana dan ir-rimedju huwa disponibbli biss fil-kaz illi jkun gie espressament provdut fil-kuntratt ta' donazzjoni.*[25]

*"Fil-liġi Maltija kif ukoll fil-gurisprudenza Maltija jidher illi hemm distinzzjoni netta bejn modus u condicitio cioe' kondizzjoni rizoluttiva.*

*"Skont il-Professur Caruana Galizia, fin-Notes on Civil Law tieghu, hekk kif revizati mill-Professur Ganado:*

> *"A donation may be made subject to a resolutive condition, provided the future event does not depend solely on the will of the donor, since such a condition would amount to a reservation of the power to revoke the donation."*[26]

*Huwa car ghalhekk illi ghalkemm id-donazzjoni huma ta' natura irrevokabbli, il-ligi taghraf numru ta' sitwazzjonijiet, espressament previsti fil-ligi stess, fejn minkejja din in-natura, donazzjoni tista' tigi revokata. Wahda minn dawn ic-cirkostanzi, kif jirrizulta mill-ligi, gurisprudenza u l-akkademja, hija dik meta jkun hemm inadempjenza fil-kaz illi jkun gie mpost xi kondizzjoni rizoluttiva, espressa jew tacita' fil-kuntratt ta' donazzjoni. Dan jirrizulta wkoll mill-ligi Maltija fl-Artikolu 1785 tal-Kodici Civili:*

> *"Id-donazzjonijiet jistgħu jitħassru biss bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, espressa jew taċita, skont id- dispożizzjonijiet tal-artikoli 1066, 1067, 1068 u 1069, jew minħabba ingratitudni jew, fil-każ ta' dotazzjonijiet lil organizzazzjonijiet stabbiliti skont it-Tieni Skeda, bis-saħħa tad- dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-revoka ta' fondazzjonijiet ta dotazzjonijiet mogħtija lil organizzazzjoni."*

*Skont il-ligi Maltija, senjatament l-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili:*

> *"Il-kondizzjoni riżoluttiva **tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali**, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:*

[24] **Centrale Latte Parma SRL vs Fondazione Bizzozero,** Corte di Cassazzione, Num. 18205 deciza 24 ta' Lulju 2017.
[25] Bonilini u Confortini, nota 3, 1206.
[26] **V. Caruana Galizia**, *Notes on Civil Law* (The University of Malta, 1981) 931.

*Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ."*

*Kif inghad fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell, vide Vol.XXII, Part 1, 1944 - 1946 a fol 272 et seqq,* ***Nobbli Giorgio Cassar Desain vs Markiz James Cassar Desain Viani et****, deciza fil-25 ta' Gunju, 1945:*

> ***"U allura ghandu jiftiehem izjed ragjonevolment illi t-testatur ried jaghmel piz lil dak li diga' ppossjeda u qieghed igawdi l-primogenitura; huwa tefghalu l-obligu, u dan l-obligu ma jistax ikun haga'ohra hief piz, "modus", illi l-pussess tieghu ghandu jigi gravat kif qal huwa, ... fis-sens li ghandu jgib il-kunjom ta' Cassar Desain wahdu. Kieku t-testatur ried jaghmel kondizzjoni rizolutiva kien ighid f'termini cari illi fil-kaz ta' kontravvenzjoni l-possessur jitlef kollox u jaqa' mill-primogenitura "ex tunc", qisu qatt ma kien possessor taghha, ghax din hija l-vera natura tal-kondizzjoni rizolutiva."***

*Di piu, fil-kaz fl-ismijiet* ***"Dr.Caruana vs. Strickland" (Kollez. Vol. XVIII – II – 106)****, gie ritenut illi klawsola simili ghal piz indikat fil-kawza* ***Nobbli Giorgio Cassar Desain vs Markiz James Cassar Desain Viani et*** *kellha tigi kunsidrata bhala* ***"modus"****, u mhux bhala kondizzjoni rizolutiva. Di piu',* ***"fil-kaz jista' jkun hemm xi dubju, dan ghandu jmur favur il-"modus",*** *il-ghaliex* ***"in re dubia benigniorem interpretationem seqiu non minus justius est quam tutius"*** *.*

*Di piu' jekk huwa ravvizat kontravenzjoni, l-Qorti ghandha tezamina jekk din kienitx gejja minn volonta deliberata cioe' "dolous" jew almenu "culpa gravis" jew inkella "error scusabilis", il-ghaliex* ***"mhux biss il-gustizzja u l-ekwita' jirrikjedu temperament izda anka il-menti tal-istess fundatur"***[27]*. F'kas ta' "error scusabilis", il-Qorti takkorda terminu ta' zmien ghall-ottomperament.*

*Rigward in-natura tal-kuntratt ta' donazzjoni, l-awtur Zimmerman jghallem illi:*

> *"Donation was conceived by Constantine as a bilateral act that was immediately executed and that led to the instant transfer of ownership from the donor to the donee. Instead of being the causa of the transfer, it became one of its modes."*[28]

*F'kull kuntratt ta' donazzjoni, qua kuntratt bilaterali, meta jigi impost oneru jew piz fuq min qed jircievi d-donazzjoni, wiehed irid jevalwa jekk dan huwiex ta' natura modus jew huwiex kondizzjoni rizoluttiva. Huwa biss f'kaz ta' inadempjament ta' kondizzjoni rizoluttiva espressa jew tacita' li tista' twassal sabiex il-Qorti tordna li jinhall il-kuntratt. Il-kuntratt pero ma jinhallx ipso jure il-ghaliex il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li takkorda lill-intimat zmien sabiex jonora l-obbligi tieghu.*

---

[27] *Ibid* vide Caruana vs Strickland .
[28] R. Zimmerman, *The Law of Obligations* (Juta & Co Ltd, 1990) 492.

*In vista ta' dan kollu ghalhekk, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni jista' jigi rexiss mill-Qorti, fil-kaz li jirrizultaw fondati l-allegazzjoni ta' inadempjenza ta' kondizzjonijiet rizoluttivi fil-kuntratt in-ezami kif sostnut mir-rikorrenti.*

***Ikkonsidrat;***

*L-intimati eccepew ukoll illi huma ma kienux inadempjenti f'xi obbligu mpost fuqhom mill-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni.*

*Wara li rat il-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awissu 1997 li jinsab ezebit a fol 13 et seqq tal-process, il-Qorti taghraf illi id-donatarju, u cioe l-Arcisqof f'isem l-Arcidjocesi ta' Malta, kienu accettaw din id-donazzjoni taht is-segwenti obbligi, li skont ir-rikorrenti ma gewx onorati:*

> *"1. Illi l-proprjeta donata ghandha tintuza esklussivament ghal ghanijiet specifikati fil-kuntratt: u cioe bhala Dar tal-Kleru, ghas-Sacerdoti Sekulari u Religjuzi jew bhala residenza jew uzu iehor mis-Seminaristi ta' l-Arcidjocesi, jew ghal xi uzu iehor spiritwali, pastorali u/jew edukattiv li tigi determinati mid-Donatarju, u cioe l-Arcisqof f'isem l-Arcidjocesi ta' Malta jew mis-Successuri tieghu fit-titolu;*
>
> *2. Illi d-donatarju jassumi l-obbligi u l-pizijiet piji kollha ad letteram imposti a tenur tal-kuntratt tal-Fondazzjoni tat-13 ta' Lulju 1855;*
>
> *3. Illi d-donatarju, 'bhala sinjal ta' rikonoxxenza' jiehu hsieb li jigi celebrat numru ta' quddies u li jsir talb ghall-intenzjoni tad-donaturi anke wara mewthom."*

*Fir-rigward ta' l-ewwel obbligu cioe' dak marbut mal-uzu tal-proprjeta donata, il-Qorti rat illi din ghandha in-natura ta' kondizzjoni rizoluttiva tacita. Il-Qorti pero rat ukoll illi ghalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi l-proprjeta setghat tigi uzata biss bhala dar tal-kleru ghas-sacerdoti, jew ghas-seminaristi tal-Arcidjocesi,* ***jidher ictu oculi mill-kuntratt ta' donazzjoni, illi l-intimati espressament inghataw id-dritt mid-donaturi illi juzaw din il-proprjeta <u>ghal skopijiet ohra</u>, basta li dawn ikunu ta' natura spiritwali, pastolari u/jew edukattivi.***

*Mill-provi voluminizi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta illi fil-fatt, ghalkemm din il-proprjeta ma kienetx qed tigi uzata bhala Dar tal-Kleru, peress li kien irrizulta li dan ma kienx uzu vijabbli ghal din il-proprjeta, il-proprjeta kienet qed tigi uzata ghal varji attivitajiet li jaqu taht l-iskopijiet li ghalihom giet donata l-proprjeta, u cioe* ***skopijiet spiritwali, pastorali, u/jew edukattivi****. Din il-Qorti semghat illi din il-proprjeta kienet tintuza sabiex isiru adorazzjonijiet, laqghat ta' diversi gruppi religjuzi, attivitajiet tal-Legion of Mary, attivitajiet religjuzi, formattivi u socjo-kulturali ghat-tfal u z-zghazagh, quddies waqt attivitajiet varji u quddies bl-Ingliz ghal persuni barranin, summer schools, prayer groups u anke summer camp ghat-tfal refugjati. Filfatt*

*anke l-izvilupp li gie propost huwa sabiex isir centru pastorali, u il-permess ghal restaurant, u hanut ilmentat mir-rikorrenti, gew spjegati waqt il-provi illi dan kien intiz proprju sabiex ikun possibli illi jsiru irtiri u attivitajiet ohra fejn ikun jista' jigi servit ikel, u sabiex jinbieghu oggetti religjuzi u/jew edukattivi, u mhux ghal skopijiet kummercjali. Dan zgur jaqa' fl-ambitu tal-iskopijiet li ghalihom kienet intiza din id-donazzjoni, u ghalhekk il-Qorti tqis illi m'hemm xejn censurabbli fl-agir tal-intimati f'dan ir-rigward.*

*Ghalkemm huwa minnu, f'okkazzjoni wahda, din il-proprjeta giet uzata ghal skopijiet illi m'humiex prettament religjuzi, pastorali jew edukattivi, bhala meta sar festin zghir ta' engagement li sar ghal bint wiehed mill-volontiera li jghinu fil-manutenzjoni tal-proprjeta, (minkejja illi kien hemm element religjuz marginali), il-Qorti tqis illi din m'hijiex vjolazzjoni serja bizzejed li twassal ghar-rexissjoni tad-donazzjoni.*

*Fir-rigward tal-quddies li kellu ssir ghall-intenzjoni tad-donaturi, u ghas-suffragju ta' ruhhom wara mewthom, il-Qorti tqis l-ewwel nett, illi inadempjiment ta' dan il-**"modus"** ma jistghax iwassal ghar-rexissjoni tad-donazzjoni, u dan ikkonsidrat illi dan l-piz gie assunt espressament bhala sinjal ta' rikonoxxenza, u ghalhekk fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma jistghax jitqies bhala kondizzjoni rizoluttiva. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti rat fil-verita kienu jsiru numru ta' quddies ghall-intenzjoni tad-donaturi, tant li dan huwa mnizzel fil-ktieb tal-quddies ta' nhar ta' Sibt u Hadd tal-festa ta' Sant'Anna. Barra minn hekk, irrizulta wkoll illi meta dawn il-pizjiet gew mifdija, l-Arcisqof kien iddegreta li ghandhom isiru tnax (12) – il quddiesa fix-xahar ghall-intenzjonijiet tad-donaturi, u gie kkonfermat quddiem din il-Qorti li filfatt dawn kienu qed isiru regolarment.*

*Fir-rigward tat-tieni **"modus",** li hu relatat ma obbligi piji mposti mill-kuntratt tal-1855, ta' tlett quddisiet letti fis-sena, inkluz wahda waqt il-festa tal-Madonna tar-Ruzarju, li kellhom isiru fil-Kappella li tifforma parti mid-donazzjoni in kwistjoni, il-Qorti rat l-ewwel nett illi dan il-piz kien gie mifdi fuq rikors maghmul mill-Arcisqof, u li dawn it-tlett quddisiet qed isiru regolarment. Fir-rigward tal-purcissjoni u quddies tal-festa, il-Qorti rat illi din il-quddies kienet waqfet issir ghal xi zmien, ghaliex kien gie kkonstatat illi l-Kappella kienet zghira wisq ghan-numru ta' nies li kienu qieghdin jattendu, u ghaliex il-Kappillan, ex admissis qal li ma kienx jaf li kellha ssir b'dan il-mod. Illi pero, l-Qorti semghat, li din il-purcissjoni reghat bdiet issir b'mod li tispicca quddiem din il-kappella, u li sussegwentement issir quddies fuq barra tal-kappella, liema quddies issir b'sufragju ta' ruh id-donaturi. Barra minn hekk il-Qorti semghat illi oltre dan kollu, mhux talli qed isiru tlett quddisiet fis-sena f'din il-kappella, **izda talli qed isir quddies bl-Ingliz kull gimgha, u fil-festi kmandati, u cioe qed isir aktar minn 50 quddies fis-sena f'din il-Kappella.** Ghalhekk jekk ghal xi perjodi qosra kien hemm xi nuqqas ta' quddies, dan in-nuqqas gie certament u ampjament mifdi bil-quddies ta' kull nhar ta' Hadd f'din il-kappella.*

*Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ma tezisitix l-inadempjenza ravvizata mir-rikorrenti li tista' twassal ghar-revoka ta' din id-donazzjoni. Ghalkemm jirrizulta li kien hemm xi zmien fejn id-donatarju ma kienx qed jonora strettament il-pizijiet mposti f'dan il-kuntratt, jirrizulta illi mal-mghoddija ta' zmien, dawn in-nuqqasijiet mhux biss gew rizolti mid-donatarju stess, izda n-nuqqasijiet gew mifdija. Ikkonsidrat illi huwa permess ghal Qorti li taghti zmien sabiex id-donatarju jonora l-obbligi mposti fuqu fil-kaz ta' kondizzjoni rizolutiva tacita, il-Qorti tqis illi multo magis f'dan il-kaz ghandha tiddeklina milli tilqa' talba tar-rikorrenti, ikkonsidrat illi l-intimati bdew u komplew jonoraw fedelment il-pizijiet mposti fuqhom fil-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni minghajr il-htiega li l-Qorti taghtihom zmien biex jaghmlu dan.*

***Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5 u 7 tal-Avukat Dottor Michalle Tabone noe, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 10 u ll tal-kjamata in kawza Parocca ta' Wied il-Ghajn, tilqa l-eccezjoni numru 6 tal-Avukat Dottor Michalle Tabone noe, u tilqa l-eccezzjoni numru 9 tal-kjamata in kawza Parocca ta' Wied il-Ghajn u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti***";

25. L-atturi ma qablux għal kollox ma' din is-sentenza u għar-raġunijiet li ngħataw minnhom fit-**tieni u fit-tielet aggravji** tal-appell prinċipali, qegħdin issa jitolbu lill-Qorti sabiex: *"tvarja s-sentenza... billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet 1,2,3,4,5 u 7 tal-Avukat Dottor Michelle Tabone noe. u (f'każ li din il-Qorti tal-Appell ma tirrevokax id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Frar 2014) tikkonferma wkoll fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet numri 1,2,3,4,5,6,7,8,10 u 11 tal-kjamata in kawża Parroċċa ta' Wied il-Għajn, u tirrevoka fl-interezza tagħha l-kumplament tas-sentenza u ċioè fil-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni numru 6 tal-Avukat Dottor Michelle Tabone nomine, (f'każ li din il-Qorti tal-Appell ma tirrevokax id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Frar 2014) fejn laqgħet l-eċċezzjoni numru 9 tal-kjamata in kawża Parroċċa ta' Wied il-Għajn, u fejn ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi, u konsegwentement*

*tgħaddi sabiex tilqa' it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti kif proposti. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti*";

26. Min-naħa tagħhom, b'żewġ tweġibiet kważi identiċi li tressqu fil-21 ta' Mejju, 2018, kemm l-Arċidjoċesi kif ukoll il-Parroċċa laqgħu għall-appell tal-atturi billi warrbu l-aggravji hemmhekk imqajma u qalu li, f'dak ir-rigward, is-sentenza appellata kienet tajba u kien imissha tiġi konfermata. Kemm l-Arċidjoċesi u l-Parroċċa nqdew ukoll bl-istess tweġiba biex ressqu **appell inċidentali kull wieħed**, li huma wkoll prattikament l-istess u li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra talbu lill-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fid-9 ta' April 2018 fl-ismijiet premessi billi: (a) Tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezzjoni numru sitta (6) tal-konvenuta nomine u l-eċċezzjoni numru disgħa (9) tal-kjamata in kawża kif ukoll tikkonfermaha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi kollha bl-ispejjeż kollha l-atturi u kif ukoll tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet numru (1), (2), (3) u (4) tal-konvenuta nomine u l-eċċezzjoni numru wieħed (1) u ħdax (11) tal-kjamata in kawża, u (b) Tirrevokaha fejn ċaħdet il-ħames (5), u is-seba' (7) eċċezzjoni tal-konvenuta nomine u fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tmienja (8), u għaxra (10) tal-kjamata in kawża u minflok tilqa' l-istess eċċezzjonijiet kollha. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti*";

27. Bi tweġiba mressqa fil-11 ta' Ġunju, 2018,[29] l-atturi appellanti laqgħu għall-appelli inċidentali tal-Arċidjoċesi kif ukoll tal-Parroċċa, billi filwaqt li għamlu referenza għar-raġunijiet li diġà kienu tressqu minnhom kemm fl-appell ewlieni kif ukoll dawk imniżżla fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-31 ta' Awwissu, 2017, qalu li l-appelli inċidentali tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda għal kollox u dan bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti;

28. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-7 ta' Marzu, 2023, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

29. L-atturi appellanti qegħdin jattakkaw is-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji. L-aggravju ewlieni, imniżżel fit-tieni aggravju tar-rikors tal-appell ewlieni, huwa dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tordna r-rexxissjoni tal-att ta' donazzjoni li wassal għal din it-tilwima. Skont l-appellanti, mill-provi ħareġ li l-Arċidjoċesi ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi li ntrabtet bihom u għalhekk hemm raġunijiet li jwasslu għat-tħassir tad-donazzjoni. L-aggravju l-ieħor, imniżżel fit-tielet aggravju tar-rikors tal-appell ewlieni, huwa mbagħad dwar id-

[29] F'paġ. 1361 *et seq* tal-proċess.

deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż, u sewwasew talli s-sentenza appellata ordnat li huma kellhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-kawża, partijiet minnha warrbet xi eċċezzjonijiet tal-partijiet l-oħrajn fil-kawża;

30. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti qegħdin jaqsmu l-ilmenti tagħhom mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fi tliet aggravji, li essenzjalment huma dwar:

(i) id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tiċħad is-seba' eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi, li hija dwar l-irritwalità tat-talbiet tal-atturi, u dan fuq ir-raġuni li l-obbligazzjonijiet li tniżżlu fil-kuntratt ta' donazzjoni huma ta' natura modali ('*modus*') u mhux kundizzjonali ('*conditio*');

(ii) id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi u li fiha tqajmet id-difiża li l-atturi qed iqanqlu l-azzjoni tagħhom fuq obbligi li ma jirriżultawx mill-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997; u

(iii) id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Parroċċa bin-numru 2,3,4,5,6,7,8, u 10, u dan għaliex iċ-ċaħda ta' dawn l-eċċezzjonijiet ma tirriflettix il-konsiderazzjonijiet li saru u ssemmew fis-sentenza appellata;

31. Identifikati l-kwestjonijiet li jridu jiġu mistħarrġa f'dan l-appell, il-Qorti tqis li jkun l-iżjed għaqli li tibda billi tqis **l-ewwel aggravju tal-appelli inċidentali** li fih il-konvenuti qed jinsistu li t-talba tal-atturi għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni hija "*ġuridikament irrita, nulla u inammissibli*" għar-raġunijiet li tqajmu fis-seba' eċċezzjoni tar-risposta maħlufa tal-Arċidjoċesi;

32. F'dan ir-rigward, il-konvenuti qed jinsistu li l-obbligi li tniżżlu fil-kuntratt ta' donazzjoni huma ta' natura modali ('*modus*') u mhux kondizzjonali ('*conditio*'). Hekk kif jargumentaw li d-differenza bejn '*modus*' u '*conditio*' hija kruċjali, ifissru wkoll li n-nuqqas tat-twettiq ta' obbligazzjonijiet ta' natura modali ma jwassalx għar-rexxissjoni tal-kuntratt, iżda għandu biss effetti koerċitivi. Jagħmlu wkoll referenza għal bosta sentenzi li fihom tfisser kif għandha tingħaraf obbligazzjoni ta' natura modali minn waħda kondizzjonali, u minbarra li jfissru li frażijiet bħal, pereżempju, "*bil-kondizzjoni li*" ma jimplikaw xejn għajr '*modus*', jissottomettu li anke fil-każ li jkun hemm xi dubju dwar jekk obbligazzjoni hijiex ta' natura modali jew inkella kondizzjonali, dak id-dubju għandu jmur favur il-'*modus*' u mhux bil-maqlub. Wara li jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha għalhekk issib li l-obbligu b'rabta mal-użu tal-ġid donat kien ta' natura modali u mhux kundizzjonali, iżidu li mill-ġurisprudenza joħroġ ukoll biċ-ċar li għandu jingħata piż kbir lill-fehma tad-donaturi filwaqt li sar il-kuntratt. Jissottomettu li l-intenzjoni tad-donaturi f'dan il-każ kienet ċara

ħafna, u filwaqt li riedu jeħilsu mill-piżijiet, dawn riedu wkoll li jgħinu lill-Knisja li kellhom tant għal qalbhom. Iżidu li anke minn titwila ħafifa lejn il-provi, jidher li l-ħsieb tal-aħwa Formosa Gauci li jgħaddu l-ġid in kwistjoni lill-Knisja kien ilu jberren f'moħħhom, u dan anke għaliex kienet ix-xewqa ta' ommhom li dan il-ġid jgħaddi f'idejn il-Knisja. Skont il-konvenuti, ma kinitx għalhekk ir-rieda tad-donaturi li jsir xi attentat għall-ksib lura tal-ġid donat minnhom, u f'dan is-sens jargumentaw li f'każ li ser ikunu qed jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi, dan ser ikun qed iwassal biex iġib fix-xejn il-fehma tad-donaturi li, fi kliemhom, għandha tipprevali b'mod assolut;

33. Min-naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet tagħhom[30], l-atturi jargumentaw li għall-għanijiet ta' din il-kawża, id-differenza bejn '*modus*' u '*conditio*' tgħodd ftit li xejn għaliex, anke fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' '*modus*', il-kuntratt xorta waħda jista' jiġi rexxiss. Wara li jsostnu dan b'riferenza għall-bosta awturi kontinentali, isemmu l-Artikolu 1785 tal-Kodiċi Ċivili li jagħraf li donazzjonijiet jistgħu jitħassru bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva espressa jew taċita. Jgħidu li skont l-Artikolu 1068 tal-istess Kodiċi, il-kundizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali. Jargumentaw li *"l-kliem 'kondizzjoni riżoluttiva, espressa jew taċita' fl-artikolu 1785 jirreferu għall-obbligi aċċessorji fil-kuntratt li jinkludi wkoll il-'modus'".* Sfiq ma' dan, iżidu li

[30] Dawn l-argumenti tniżżlu b'mod partikolari f'paġni 33 sa 44 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi f'paġ. 1098 sa 1109 tal-proċess

"*'donazzjoni sub modo' hija kuntratt bilaterali (sinallagmatiku) u l-modus hija kondizzjoni riżoluttiva taċita*", u li għalhekk id-"*donanti jista' jitlob il-ħall ta' donazzjoni f'każ ta' ksur ta' obbligu modali*";

34. Qabel ma nidħlu fil-kwestjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet li tniżżlu fil-kuntratt tal-14 ta' Awwissu, 1997, humiex ta' sura modali jew inkella kondizzjonali, bħala konsiderazzjonijiet ta' xejra legali, jixraq li jingħad li, għall-kuntrarju għal dak li qed jgħidu l-atturi, il-'*modus*' ma jistax jitqies l-istess bħala 'kondizzjoni' kif mifhuma fil-patt kommissorju. Id-differenza bejn dawn hija fil-fatt imfissra mill-**Professur V. Caruana Galizia**, li f'paġna 174 tax-xogħol tiegħu bit-titolu *"Notes on the Law of Obligations",* jikteb hekk:

> *"Modus is an obligation accessory to a contract of a gratuitous nature and which is imposed on the benefitted person. Without such obligation, the contract would be perfectly gratuitous; the "modus" renders it imperfectly onerous. **<u>It differs from condition</u>**: - 1. because condition never has a coercive effect but merely a suspensive or resolutive effect, whilst modus has a coercive and not a suspensive effect. The benefitted person acquires at once the property granted to him, but once he accepts the liberality, he may be compelled to perform the "modus".*
>
> *2. because if the condition is unlawful or impossible "vitiatur et vitiat" whilst under similar circumstances the "modus" is null but it does not annul the liberality to which it is attached*";

35. Ta' min jgħid li din id-distinzjoni bejn il-'*modus*' u l-'*conditio*' tfissret b'dan l-istess mod f'għadd ta' sentenzi, fosthom dik fil-kawża fl-ismijiet ***Francesca Saveria sive Saverina Muscat v. Bice Borg noe et.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**28 ta' Mejju, 1958**, (Kollez.Vol

**XLII.ii.1055**) u li baqgħet tissemma f'bosta sentenzi oħra bħal pereżempju dik fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Xuereb et v. Euġienia Buttigieg et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-**2 ta' Lulju, 2010**;

36. Issa li għadna kif rajna li hemm tabilħaqq differenza bejn il-'*modus*' u l-'*conditio*', imiss li wieħed jara jekk il-konvenuti għandhomx raġun meta qed jgħidu li r-rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni tista' tintalab biss fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' obbligazzjoni fil-forma ta' '*conditio*', però mhux fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' '*modus*'. Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tweġiba għal dan hija misjuba fil-liġi stess u sewwasew fit-taqsima tal-Kodiċi Ċivili li tirregola l-kuntratt ta' donazzjoni. Sa mill-ewwel artikolu li hemm taħt dan it-Titolu nsibu li, fil-prinċipju, l-kuntratt ta' donazzjoni huwa min-natura tiegħu rrevokabbli, tant li fit-tielet sub-inċiż tal-Artikolu 1737 insibu mniżżel li: *"barra minn fil-każijiet **<u>li dan il-Kodiċi jsemmi espressament</u>**"*, id-donatur ma jistax iżomm il-jedd li jħassar id-donazzjoni. Filwaqt li l-Kodiċi Ċivili jispeċifika b'mod espress li d-donazzjonijiet jistgħu jitħassru "*bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, espressa jew taċita, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1066, 1067, 1068 u 1069*"[31]. Min-naħa l-oħra, il-Kodiċi Ċivili <u>ma jsemmix</u> li donazzjoni tista' titħassar ukoll fil-każ ta' ksur ta' xi obbligazzjoni tan-natura modali (*modus*), u għalhekk, kemm fil-kuntest ta' dak li nsibu fl-Artikolu 1737(3), kif ukoll fid-dawl ta' dak li ssemma aktar qabel, u sewwasew li l-'*modus*'

[31] Artikolu 1785 tal-Kap. 16.

u l-*'conditio'* jingħarfu minn xulxin, din il-Qorti hija tal-fehma li, fil-prinċipju, il-konvenuti għandhom raġun meta qed jgħidu li r-rimedju tat-tħassir ta' donazzjoni jgħodd biss għall-klawsoli ta' natura ta' '*conditio*' u mhux fil-każ ta' '*modus*'. Tajjeb li jiġi wkoll osservat li din mhijiex l-ewwel darba li din l-Qorti qed tasal għat-tali fehma. Fil-fatt, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Rosalie Mifsud et. v. Madre Provinċjali tas-Sorijiet ta' Santa Dorotea noe.***, deċiża fit-**30 ta' Mejju, 2014**, din il-Qorti kienet diġà għamlitha ċara li "*f'każ ta' modus, din ikollha effikaċja koattiva, però in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni ma jwassalx għar-riżoluzzjoni tal-legat <u>jew tad-donazzjoni</u>*";

37. Ġaladarba li, fil-każ tal-lum, it-talba għar-rexxissjoni tad-donazzjoni qed tissejjes fuq il-premessa li ma twettqux l-obbligazzjonijiet imsemmija fil-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997 u peress li, kif ingħad qabel, talba bħal din tista' titqies biss fil-qafas ta' xi kondizzjoni riżoluttiva espressa jew inkella taċita, il-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ jekk l-obbligazzjonijiet li jitnisslu mill-kuntratt imsemmi, jistgħux iwasslu għat-tħaddim tal-patt kommissorju taċitu taħt l-Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili jew inkella jekk intrabtux ma' xi kondizzjoni riżoluttiva espressa;

38. F'dan ir-rigward wara li xtarret il-kontenut kollu tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997,[32] il-Qorti rat li fl-ebda parti ta' dan il-

[32] Fl-atti tressqu żewġ kopji ta' dan il-kuntratt. Waħda minnhom hija mmarkata bħala 'Dok E', u ġiet mehmuża flimkien mar-rikors maħluf, (f'paġ. 13 sa 24), filwaqt li l-oħra tressqet

kuntratt ma hemm xi klawsola speċifika li fiha nsibu mniżżel li d-donazzjoni għandha titħassar f'każ li jseħħ jew ma jseħħx xi avveniment partikolari jew, f'termini aktar konkreti, f'każ li d-donatarju ma jwettaqx l-obbligi mwiegħda minnu fil-kuntratt ta' donazzjoni. Fin-nuqqas ta' dan, il-kuntratt ta' donazzjoni ma jistax jitqies li huwa soġġett għal xi kondizzjoni riżoluttiva espressa, u dan għaliex kif ingħad kemm-il darba minn din il-Qorti: "*biex il-patt jingħadd espress, dak li jkun ried jiġi stipulat espressament mhux biss l-obbligu għall-għoti jew għemil ta' xi ħaġa...iżda r-riżoluzzjoni ta' jew dekadenza tal-kuntratt jekk dak l-obbligu ma jiġix adempit*"[33];

39. Issa li ngħad dan, jifdal li nqisu jekk l-obbligi li jitnisslu mill-kuntratt ta' donazzjoni mertu ta' din il-kawża jistgħux potenzjalment iwasslu għat-tħaddim tal-kondizzjoni riżoluttiva taċita jew, kif inhu wkoll magħruf, il-patt kommissorju taċitu. Għalkemm huwa minnu li fl-Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili nsibu li "*[i]l-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala waħda li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha*", madanakollu huwa daqstant ieħor mifhum li mhux kull obbligazzjoni li ma titwettaqx minn xi parti f'kuntratt tista' tagħti lok għat-tħassir ta' kuntratt bis-saħħa tat-tħaddim tal-patt kommissorju

mix-xhud in-nutar Philip Lanfranco fis-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2012, ('Dok PL1', f'paġ. 313 sa 337.)

[33] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Romeo Giulia Fenech Pace et. v. Francis Sciberras***, deċiża fid-**29.1.1965** (Kollez. Vol: **XLIX.i.148**), ċitata b'approvazzjoni f'sentenza oħra ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Blackman et v. Micallef et.***, deċiża fid-**29.4.2016**.

taċitu. Kemm hu hekk, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Cole et v. Paolo Grixti****,* deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-23 ta' Novembru, 1962, (Kollez. Vol. **XLVI.i.515**), intqal li:

> *"Hu veru bla dubju illi l-konvenut hu obbligat li jirrispetta kwalunkwe patt ieħor hu liema hu: iżda dan ma jfisserx bilfors illi tali s'issa naqas li josservah għandu isofri r-riżoluzzjoni tal-kuntratti. In fatti, ma jidherx li hemm dubju illi* ***r-riżoluzzjoni bis-saħħa tal-patt kommissorju taċitu ma tingħatax ħlief meta l-inadempiment hu gravi u l-patt inadempjut hu ta' tant importanza li jirrifletti fuq il-prestazzjoni prinċipali li tifforma l-oġġett tal-kuntratt. Kif tesprimi ruħha d-dottorina u l-ġurisprudenza, jeħtieġ biex tingħata r-riżoluzzjoni, li jkun hemm inadempiment ta' kondizzjoni essenzjali"***[34] (Enfasi miżjuda minn din il-Qorti)

40. Mhux anqas relevanti huwa mbagħad dak li josserva l-ġurist **Giorgio Giorgi** li fix-xogħol tiegħu *'Teoria delle Obligazioni nel Diritto Moderno Italiano'* jfisser li "*se invece di sospendere o risolvere il contratto l'avvenimento posto in condizione costituisse una prestazione accessoria, che un contraente fosse in facoltà di esigere dall'altro, non saremo più nei termini della vera condizione, ma del modo*"[35];

41. Bi tħaddim ta' dan kollu fil-qafas tal-ewwel aggravju tal-appelli inċidentali, din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li s-siwi jew le tas-seba' (7) eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi qiegħed sewwasew jistrieħ fuq il-punt dwar jekk l-obbligazzjonijiet li tniżżlu fil-kuntratt ta' donazzjoni, jistgħux jitqiesu

---

[34] L-istess ħsieb ġie mħaddan minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Blackman et v. Micallef et.***, tad-**29.4.2016**.

[35] **Giorgio Giorgi**, *'Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano', Caiptilo I – 'Obligazione Condizionali'*, Titolo III, Parte II, Libro II, §296, paġ. 322.

bħala essenzjali tant li jirriflettu fuq il-prestazzjoni prinċipali li tifforma l-oġġett tal-istess kuntratt;

42. Biex nagħarfu jekk l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' donazzjoni li wassal għal din it-tilwima jistgħux jitqiesu bħala essenzjali jew le, jeħtieġ imbagħad li nqisu x'kienet ir-rieda tal-partijiet filwaqt li kien qed isir dan il-kuntratt[36]. F'dan il-każ, id-donaturi laħqu però mietu qabel infetħet din il-kawża, u għalhekk ir-rieda tad-donaturi għandha prinċipalment tinstilet mill-kliem tal-kuntratt innifsu u, fin-nuqqas ta' xi ħjiel minn dan il-kliem, mix-xhieda ta' dawk li kienu nvoluti waqt li kien qed jiġi maqbul il-kuntratt *de quo*;

43. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-kliem li tniżżel fil-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu 1997, il-Qorti tqis li l-parti relevanti għall-għanijiet ta' dan l-aggravju hija din:

> "***Dina d-donazzjoni qiegħda issir u qiegħda tiġi aċċettata taħt dawn il kondizzjonijiet, u ċioè:-***
>
> > *1. Illi il-proprjetà donata għandha tintuża esklussivament, skond il-modalitajiet li jistabbilixxi l-Arċisqof ta' Malta, pro tempore, għal dawn l-iskopijiet, u cioè:- bħala "Dar tal-Kleru" għas-Sacerdoti Sekulari u Reliġjużi, jew bħala residenza jew użu ieħor mis-Seminaristi ta' l-Arċidjoċesi, jew għal xi użu iehor spiritwali, pastorali u/jew edukattiv li jiġi determinat mid-Donatarju jew mis-Suċċessuri tiegħu fit-titolu.*
> >
> > *2. ċIlli d-Donatarju qiegħed jobbliga ruħu minn issa illi jonora u jwettaq il-piżijiet u l-obbligi piji kollha mposti fuq il- Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, u dana ad litteram u a tenur tal kuntratt tal*

---

[36] Ara f'dan is-sens P.A. **6.10.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Hawkins v. Cassar noe.*** (Kollez. Vol. **XXXVII.ii.763**).

*Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tat-tlittax ta Lulju tas-sena elf tmien mija u ħamsa u tmenin (1855), li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dokument "B", u tad-degrieti mogħtija mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Publio Maria Sant tat-tmienja ta' Mejju tas-sena elf tmien mija u ħamsa u ħamsin (1855) u tat-tnejn u għoxrin ta Awissu tas-sena elf tmien mija u ħamsa u ħamsin (1855), u dana dejjem sakemm ma jkunux inkonsistenti mal-ligijiet minn żmien għal żmien viġenti fil-Knisja.*

*3. Illi d-Donatarju, bħala sinjal ta' rikonoxxenza, qiegħed ukoll jobbliga ruħu illi, oltre għall-obbligi imposti fil-Fondazzjoni fuq imsemmija, jieħu ħsieb li jiġi ċċelebrat numru ta' Quddies u li isir talb għall-intenzjoni tad-Donaturi, kemm matul ħajjithom kif ukoll għas-suffraġiu tar-ruħ tagħhom wara mewthom, u min issa wkoll għas-suffraġju tal-ġenituri tagħhom,*

*4. Illi matul ħajjitha, id-Donatrici Agatha Formosa Gauci jkollha d-dritt illi, bi ftehim mad-Donatarju, tuża parti mill-proprjetà oġġett ta' din id-donazzjoni u, jkollha wkoll id-dritt illi tippreżenta qassis tax-xelta tagħha sabiex jiċċelebra l-festa annwali tal-Madonna tar-Rusarju fil-Kappella hekk imsemmija, li tagħmel parti min din id-donazzjoni*" [37];

44. Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel punt li jispikka mis-silta murija fil-paragrafu ta' qabel dan hija s-sentenza li nkitbet qabel ma' tniżżlu l-paragrafi bin-numri wieħed (1) sa erbgħa (4), u sewwasew dik il-parti li fiha nkiteb li d-donazzjoni "*qiegħda ssir u qegħda tiġi aċċettata **<u>taħt dawn il-kondizzjonijiet</u>**, u ċioè: ...*"[38]. Għalkemm il-konvenuti qegħdin jgħidu sewwa li hemm bosta sentenzi li fihom din il-Qorti ħadet il-pożizzjoni li meta jintuża l-kliem "*bil-kondizzjoni li...*", jew "*bil-patt li...*", dan il-kliem "*ma jesprimi xejn ħlief modus*", dak li ntqal f'sentenzi bħal dawk imsemmija mill-imħarrkin ingħad f'kawżi li kienu jittrattaw klawsoli f'dispożizzjonijiet testamentarji li, min-natura tagħhom, ma jikkwalifikawx bħala kuntratti

[37] Silta meħuda mill-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997, 'Dok E', f'paġ 14 sa 15, u 'Dok PL1', f'paġ. 314 sa 315 tal-proċess

[38] *Ibid.* f'paġ 14 u 314 tal-proċess.

bilaterali u li b'hekk ma jistgħux jagħtu lok għall-patt kommissorju taċitu[39]. Peress li l-kuntratt ta' donazzjoni huwa ta' natura bilaterali li fih hija impliċita l-kondizzjoni riżoluttiva[40], allura dik il-linja ġurisprudenzjali ma tgħoddx għall-każ tal-lum, u għaldaqstant bil-fatt waħdieni li tniżżlet il-frażi "*taħt dawn il-kondizzjonijiet*" ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex, fuq hekk biss, tasal għall-fehma li l-obbligazzjonijiet li tniżżlu fil-paragrafi bin-numri wieħed (1) sa erbgħa (4), huma ta' natura modali u mhux kondizzjonali;

45. Ikkonsidrat dan, wara li l-Qorti għarblet il-kliem li tniżżel fil-paragrafi mmarkati bin-numri 1 sa 4 fl-ewwel żewġ paġni tal-kuntratt ta' donazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li l-unika żewġ obbligazzjonijiet li mill-kliem stess li ġie wżat fihom jirriżulta li huma ta' natura modali u mhux kondizzjonali huma l-aħħar tnejn, u ċioè dawk li tniżżlu fil-paragrafi li jġibu n-numri tlieta (3) u erbgħa (4);

46. L-ewwel nett, u sa fejn għandha x'taqsam l-obbligazzjoni fil-paragrafu bin-numru tlieta (3), u sewwasew dik li jiġi ċċelebrat numru ta' quddies u li jsir talb għall-intenzjoni tad-donaturi kemm matul ħajjithom kif ukoll b'sufraġju ta' ruħ il-ġenituri tagħhom u ta' ruħhom stess wara mewthom, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis li tali obbligazzjoni tniżżlet "***bħala sinjal ta' rikonoxxenza***", u għalhekk għandha aktar is-

[39] Ara l-Art. 1068 tal-Kap. 16
[40] Ara: **Professur V. Caruana Galizia**, *'Notes on Law of Guarantees & Minor Contracts'*, p. 138.

sura ta' '*modus*' milli ta' kondizzjoni. Din il-fehma tal-Qorti tkompli mbagħad tissaħħaħ bix-xhieda tal-attur Francis Lanfranco stess, li stqarr li dik l-obbligazzjoni ddaħħlet fil-kuntratt ta' donazzjoni "*fuq suġġeriment tal-Kurja stess*"[41]. Fil-fehma tal-Qorti, huwa għalhekk bil-wisq improbabbli li dik il-kondizzjoni kienet xi waħda ta' sura essenzjali li mingħajrha d-donaturi ma kinux ser jidhru għal dak il-kuntratt;

47. Hekk ukoll, il-Qorti lanqas ma jidhrilha li jista' jagħti lok għall-patt kommissarju taċitu, dak li tniżżel fil-paragrafu bin-numru erbgħa (4) u sewwasew li d-donatriċi Agatha Formosa Gauci "*jkollha d-dritt illi, bi ftehim mad-Donatarju, tuża parti mill-proprjetà oġġett ta' din id-donazzjoni u, jkollha wkoll id-dritt illi tippreżenta qassis tax-xelta tagħha sabiex jiċċelebra l-festa annwali tal-Madonna tar-Rusarju fil-Kappella hekk imsemmija, li tagħmel parti min din id-donazzjoni*". Fil-fehma tal-Qorti, mill-kliem li tniżżel f'din il-klawsola joħroġ ċar li din ma kienet xejn għajr prestazzjoni anċillari li d-donatriċi kienet intitolata li titlob mingħand d-donatarju, u għalhekk kif jgħid il-ġurista Giorgio Giorgi, din taqa' fil-parametri tal-'*modus*' u m'għandhiex titqies bħala '*conditio*'[42];

48. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-obbligazzjonijiet l-oħra li tniżżlu fl-ewwel żewġ paragrafi, u sewwasew dawk dwar l-użu li kellu jsir

---

[41] Ara x-xhieda tal-attur Dr. Francis Lanfranco, mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' April, 2012, f'paġ 83 tal-proċess.
[42] Ara §40 *supra*

mill-ġid donat u kif ukoll dak tat-twettiq tal-piżijiet u l-obbligi piji mposti fuq il-kappella tal-Madonna tar-Rużarju u dan skont il-kuntratt ta' Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tat-13 ta' Lulju tal-1855, din il-Qorti ma tarax li l-kliem li tniżżel f'dawk il-klawsoli jagħti xi ħjiel partikolari dwar jekk dawk l-obbligi humiex ta' sura modali jew inkella humiex kondizzjonali. Lanqas ma jista' jingħad li l-konvenuti ressqu xi provi tajba biżżejjed li permezz tagħhom urew li d-donaturi kienu sejrin xorta jersqu għall-att ta' donazzjoni, anke jekk dawk l-obbligazzjonijiet ma kinux ser jitniżżlu fil-kuntratt. Għalkemm huwa minnu li l-konvenuti ressqu xhieda (bħal, pereżempju, George Baldacchino) li wrew li d-donaturi kellhom ix-xewqa li jagħtu l-ġid donat lill-Knisja u dan biex iwettqu l-wegħda ta' ommhom, fl-istess waqt, mix-xhieda tal-attur Lanfranco deher li dawn l-obbligi setgħu kienu ta' importanza sostanzjali għad-donaturi, tant li fil-fatt tniżżlu wkoll fit-testment sigriet ta' Carmelina Debattista[43]. Ġaladarba li l-eċċezzjoni mertu ta' dan l-aggravju tressqet mill-konvenuti, kien imiss lilhom li jsostnu din l-eċċezzjoni bi provi siewja, u dan għaliex daqskemm l-atturi għandhom mixħut fuq spallejhom il-piż li jsostnu l-fatti li jikkostitwixxu s-sies tal-jedd azzjonat minnhom ("*actori incumbit probatio*"), daqstant ieħor huma l-konvenuti mogħnija bl-obbligu li jippruvaw id-difiża miġjuba minnhom sabiex jikkuntrastaw il-pretensjonijiet tal-atturi ("*reus in excipiendo fit actor*")[44]. Kif rajna, il-

[43] 'Dok. Ħ', f'paġ. 30 tal-proċess

[44] Ara b'eżempju s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farruġia pro. et. noe.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023**.

konvenuti ma seħħilhomx li jsostnu sew l-eċċezzjoni tagħhom bil-provi, u għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw li l-obbligazzjonijiet li tniżżlu fil-paragrafi bin-numru wieħed (1) u tnejn (2) tal-kuntratt ta' donazzjoni mertu tal-kawża huma ta' natura modali minflok ta' sura kondizzjonali li għalihom jista' jgħodd il-patt kommissorju taċitu;

49. Fid-dawl ta' dan, **l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali** se **jintlaqa' limitament** u dan sa fejn għandhom x'jaqsmu biss il-klawsoli bin-numru tlieta (3) u erbgħa (4) tal-kuntratt mertu tal-kawża u li ssemmew f'paragrafi 46 u 47 ta' din is-sentenza. Dan ifisser li t-talba għat-tħassir tal-kuntratt ta' donazzjoni mertu tal-kawża tista' titqies biss fil-qafas tal-allegat ksur ta' dawk l-obbligi li tniżżlu fil-paragrafi mmarkati bin-numru wieħed u tnejn tal-istess kuntratt ta' donazzjoni, u sewwasew, dawk dwar l-użu li sar (jew ma sarx) tal-ġid donat u t-twettiq tal-piżijiet piji mposti fuq il-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, skont il-kuntratt ta' Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tat-13 ta' Lulju tal-1855;

50. Issa li l-Qorti waslet għal din il-fehma, jixraq li tistħarreġ i**t-tieni aggravju tal-appell ewlieni** li jmiss mal-qalba ta' din it-tilwima. F'dan l-aggravju, l-atturi qegħdin jilmentaw dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tordna t-tħassir tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997, u dan fuq il-premessa li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi u li dik il-Qorti kellha ssib li n-nuqqasijiet min-naħa tal-Arċidjoċesi kienu ta'

natura serja u gravi biżżejjed biex iwasslu għar-rexxissjoni tad-donazzjoni;

51. Wara li jistqarru li jaqblu mal-Ewwel Qorti li l-ksur tal-ewwel żewġ obbligi li tniżżlu fil-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997, setgħu jwasslu għar-rexxissjoni tad-donazzjoni, jargumentaw li filwaqt li huma ġabu dawk il-provi kollha rilevanti sabiex jippruvaw li l-intimati appellati kisru l-obbligi imposti fuqhom bl-att ta' donazzjoni, u dan sa dakinhar li tressaq ir-rikors maħluf li permezz tiegħu nbdiet din il-kawża, jilmentaw li min-naħa l-oħra l-konvenuti ħaxxnu l-atti proċesswali b'pataflun ta' provi li huma 'rrelevanti' għall-għanijiet ta' din il-kawża, u dan għaliex dawk il-provi juru biss dak li twettaq mill-istess Arċidjoċesi u Parroċċa wara li nfetħet din il-kawża. Filwaqt li jgħidu li huma pprotestaw kemm-il darba quddiem l-Ewwel Qorti li l-konvenuti kienu qed jimlew il-proċess bi provi rrelevanti, jilmentaw li l-Ewwel Qorti xorta waħda ħalliet lill-konvenuti jressqu t-tali provi, u dan bil-konsegwenza li "*l-volum enormi ta' tali provi (irrelevanti) 'ħaxxnu' il-proċess b'tali mod illi rrendietu kważi impossibbli għall-Ewwel Qorti sabiex tagħmel dak is-'sifting' li kien meħtieġ minnha qabel ma wasslet għad-deċizjoni tagħha*";

52. Fil-konkret, u sa fejn għandu x'jaqsam mal-ewwel obbligu u sewwasew dak dwar l-użu tal-ġid donat, l-atturi qed jinsistu, li mill-provi li ressqu rriżulta li sad-data li fiha nfetħet din il-kawża, il-proprjetà kienet

vojta u abbandunata għal kollox. Jgħidu li dan l-istat ta' fatt mhux biss ġie kkonfermat mix-xhieda tagħhom, iżda wkoll minn għadd ta' xhieda u provi oħrajn. Fosthom, isemmu r-relazzjoni tal-perit tekniku Godwin Abela, ir-ritratti tal-perit Michael Lanfranco u tal-attur l-avukat Dr. Mark Attard Montalto, ix-xhieda tal-Perit Gauci li żar il-post fl-2009, ix-xhieda ta' Carlos Farrugia li qal li jiftakar il-post vojt, kif ukoll 'min-nuqqas ta' konsum ta' dawl u ilma'. Fi kliem l-atturi, dawn iċ-ċirkostanzi proċesswali jikkonfermaw in-nuqqas ta'użu tal-fond donat. Iżidu li mill-provi jirriżulta wkoll li l-unika użu li l-konvenuti għamlu mill-ġid donat kien biex inġibed id-dramm televiżiv '*Għada Jisbaħ Ukoll*', li skont l-appellanti ma jaqax taħt użu bi skop edukattiv u/jew spiritwali, u b'hekk kien saħansitra 'użu projbit'. Jisħqu li x-xhieda voluminuża li tressqet mill-konvenuti ma setgħet bl-ebda mod tegħleb l-'aħjar prova' mressqa minnhom, u f'dan is-sens itennu li l-Ewwel Qorti 'injorat għal kollox' li ż-żmien rilevanti kellu jkun biss bejn id-data tal-kuntratt ta' donazzjoni (1997) sad-data tal-ftuħ ta' dawn il-proċeduri (2011);

53. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-obbligu tat-twettiq tal-piżijiet piji, l-appellanti jfissru li fost dawn kien hemm ukoll: l-obbligu tal-quddies li l-Arċisqof Mercieca kien impona għall-intenzjonijiet u b'suffraġju ta' ruħ id-donaturi u l-ġenituri tagħhom; in-numru 'enormi' ta' quddies li jikkonsisti f'tmienja u sittin (68) quddiesa letta u waħda solenni; il-festa u l-purċissjoni f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju; u l-piżijiet l-oħra

kollha li jirriżultaw mill-att ta' provenjenza tal-ġid donat u speċifikatament fil-kuntratt ta' diviżjoni tas-16 ta' Ottubru, 1965, fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona. F'dan ir-rigward, jirreferu għax-xhieda tal-attur Lanfranco li kien imdaħħal sewwa fit-tfassil tal-kuntratt ta' donazzjoni flimkien mal-Arċisqof Mercieca u jisħqu li l-għan ewlieni wara din id-donazzjoni kien li d-donaturi riedu "*a skapitu ta' kollox*" jassikuraw ruħhom li l-festa tal-Madonna tar-Rużarju tibqa' tkun iċċelebrata bil-mod u 'l-pompa' li kienet ilha tiġi ċċelebrata għal għexieren ta' snin u li "*l-piżijiet enormi spiritwali imposti fuqhom mill-antentati tagħhom fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju Wied il-Għajn jiġu onorati 'ad literam'*". Jgħidu wkoll li l-bqija tal-ġid donat, magħmul minn "*Villa Manduca*", il-ġonna u d-djar żgħar li jissemmew fil-kuntratt ta' donazzjoni, ġew donati bħala "*kumpens għat-twettiq tal-obbligi spiritwali*" u għalhekk, fil-qafas ta' dan, jissottomettu li n-nuqqas tat-twettiq ta' dawn l-obbligazzjonijiet jolqot sewwasew ir-raġuni ewlenija għalfejn sar il-kuntratt ta' donazzjoni, u li b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tqishom bħala nuqqasijiet gravi u serji tant li kellhom iwasslu għar-rexxissjoni tad-donazzjoni;

54. Dwar in-nuqqas taċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju, l-atturi qed jgħidu li mill-provi ħareġ li l-aħħar darba li din saret kien sewwasew fl-1996, li tiġi s-sena ta' qabel ma sar il-kuntratt tad-donazzjoni. Biex jissostanzjaw dan, jirreferu għal bosta provi bħall-ittra tal-attur Lanfranco tal-21 ta' Frar, 2000 (paġ 25); ittra oħra tiegħu tal-24

ta' Settembru, 2007 (paġ 38); il-protest ġudizzjarju tal-attur Attard Montalto u oħrajn tal-5 ta Diċembru, 2007; l-ittra ta' Agatha Formosa Gauci (paġ 80), u l-ktieb tal-Kanonku Joe Abela bl-isem '*Marsaskala*', li fih tniżżel li l-aħħar darba li saret il-purċissjoni fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet fis-sena 1996 (paġ. 139 sa 143). F'dan is-sens jirreferu wkoll għax-xhieda tagħhom stess, għal dik ta' Raymond Gauci, tal-Kappillani Dun Anthony Cassar u Dun Walter Cauchi, kif ukoll għax-xhieda tal-ispettur Robert Said Sarsero u tal-kuntistabbli Caroline Camilleri. B'mod partikolari jgħidu li, mix-xhieda ta' dawn tal-aħħar, jirriżulta li kien fl-2013, u jiġifieri wara li nbdiet din il-kawża, li ntalab l-ewwel darba l-permess biex terġa' ssir il-purċissjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju f'Wied il-Għajn. Isemmu wkoll li mill-provi jirriżulta li, fi żmien ġimgħa wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni, l-Arċisqof ta' dak iż-żmien battal il-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju minn kulma kien fiha, bil-konsegwenza li l-obbligi spiritwali u b'mod partikolari l-festa tal-Madonna tar-Rużarju, ma setgħux jiġu ċċelebrati aktar hemmhekk. Filwaqt li jgħidu li l-kappella baqgħet imneżżgħa minn kull ma kien fiha, magħdud il-kwadru titulari, jilmentaw li l-kappella baqgħet f'dak l-istat mhux biss sad-data li fiha tressaq ir-rikors maħluf, iżda baqgħet hekk saħansitra sal-lum. Fid-dawl ta' dan, jissottomettu li dan kollu juri li l-Arċisqof ma kellu qatt l-intenzjoni li jwettaq l-obbligi imposti fuqu mid-donaturi, u li l-għan ewlieni tiegħu kien "*illi jsir propjetarju ta' dina l-propjetà ta' valur enormi flimkien*

*mal-kontenut tal-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju ta' valur egwalment enormi!*";

55. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-piż piju tal-quddies li jirriżulta mill-kuntratt tan-Nutar Giuseppe Metropoli, l-appellanti jirreferu għax-xhieda ta' Monsinjur Anton Portelli u, filwaqt li jgħidu li dan qal li kien feda l-piż tal-quddies bis-somma ta' LM200, jilmentaw li dan kollu mhux biss imur għal kollox kontra l-obbligu li tniżżel fil-kuntratt ta' donazzjoni u r-rieda sagrosanta tad-donaturi, iżda wkoll jikser il-liġijiet tal-ħaqq naturali u sewwasew il-prinċipju ta' '*nemo iudex in causa propria*' peress li kien l-intimat stess li ħeles ruħu mill-obbligu tal-quddies impost fuqu mid-donaturi, u dan għal prezz irriżorju, li ġie deċiż minnu waħdu u mingħajr l-approvazzjoni jew tal-inqas l-għarfien tad-donaturi jew inkella tas-suċċessuri tagħhom. Isemmu wkoll li l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' LM200 mhumiex biżżejjed biex jiġi ċċelebrat dak l-għadd pattwit ta' quddies bl-'elemosina kurrenti'. Ifakkru wkoll li, minkejja li l-istess Monsinjur Portelli intalab sabiex jagħti rendikont tal-quddies li sar mid-data tad-donazzjoni, dan ix-xhud stess ammetta li bejn l-1997 u l-2007 (is-sena li fiha nfdew il-piżijiet tal-quddies), huwa ma seta' jsib l-ebda tismija fir-reġistri taċ-ċelebrazzjoni ta' dak il-quddies, u dan għaliex, fi kliem l-appellanti, 'huwa għal kollox ovvju u evidenti li l-quddies ma kienx sar!'. Iżidu li mix-xhieda tal-istess Monsinjur Portelli ħareġ ukoll li l-quddies impost mill-Arċisqof stess bħala "rikonoxximent", ġie limitat biss

għal tnax-il (12) quddiesa għal ħamsa u għoxrin (25) sena u jgħidu li dak ix-xhud ma kien jaf b'ebda quddies ieħor li sar;

56. Marbut sfiq ma' dan, jissottomettu li l-obbligu tal-quddies u ċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju kien wieħed annwali, u għalhekk in-nuqqas tat-twettiq ta' dawn l-obbligi fuq medda ta' erbatax-il sena, sakemm saret il-kawża, huwa wieħed serju. Jargumentaw li b'kuntrast għal dak li qalet l-ewwel Qorti, dan in-nuqqas lanqas ma jista' jiġi sanat, u dan għaliex jekk obbligu ma jsirx f'sena partikolari, dan ma jistax isir retroattivament u b'hekk iwassal għall-ksur li ma jissewwiex ta' dak l-obbligu. F'dan is-sens, ifissru li 'l-akbar insult għall-ġustizzja' huwa li filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti aċċettat li l-intimati naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom, fl-istess waqt dik il-Qorti qalet li l-intimati pattew għal dawk in-nuqqasijiet b'dak li għamlu wara u bil-fidi tal-piż piju tal-quddies'. Skont l-appellanti, dan imur kontra kull prinċipju ta' ġustizzja u ekwità u lanqas ma jista' jitqies li jaqa' fil-kamp tal-'*ius superveniens*' li lanqas biss kien eċċepit mill-intimati u wisq inqas imsemmi fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata. Jagħlqu mbagħad billi filwaqt li jagħrfu li l-liġi tippermetti l-'*purgazzjoni della mora*' f'ċertu każijiet, jisħqu li fil-każ preżenti din m'għandhiex tingħata, u għalhekk dak li ntqal fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tad-deċiżjoni appellata, huwa fi kliemhom 'għalkollox superfluwu, inawdit, barra minn loku u insult għall-istituzzjoni tal-ġustizzja';

57. Wara li l-Qorti qieset l-ilmenti kollha li qed jitressqu mill-appellanti fit-tieni aggravju tal-appell ewlieni u dan kemm fil-qafas tal-provi kollha li hemm fl-atti, kif ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li tniżżlu fis-sentenza appellata u t-tweġibiet tal-imħarrkin, il-Qorti titlaq biex tgħid li ma taqbel xejn mal-appellanti meta qed jgħidu li mill-provi jirriżulta li l-Arċidjoċesi naqset milli tuża l-ġid donat bil-mod ta' kif ġie mniżżel fil-kuntratt ta' donazzjoni;

58. Qabel ma l-Qorti tfisser għalfejn qed jingħad hekk, jixraq però li jingħadu kelmtejn fir-rigward tal-argument tal-atturi appellanti li l-provi kollha li jirreferu għaż-żmien ta' wara li ġiet mibdija din il-kawża kellhom jitqiesu bħala 'rrelevanti', u li l-Ewwel Qorti kellha toqgħod biss fuq dawk il-provi li jirreferu għaż-żmien ta' qabel ma nbdiet din il-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument huwa fundamentalment ħażin, u dan għaliex ġaladarba li l-patt kommissorju taċitu ma jġibx il-ħall ta' kuntratt '*ipso jure*', iżda biss b'ġudikat ta' qorti[45], dan iwassal biex id-debitur ta' obbligazzjoni jibqa' mogħni bil-jedd li jwettaq l-obbligazzjoni assunta minnu fil-kuntratt, u dan anke waqt il-mori tal-proċeduri ġudizzjarji, li fihom il-kreditur tal-obbligazzjoni jkun qed jitlob il-ħall tal-kuntratt, minħabba n-nuqqas tat-twettiq ta' dik l-obbligazzjoni. Kemm hu hekk, fis-sitt volum tax-xogħol tiegħu '*Corso Teorico-Pratico Di Diritto Civile'*, il-ġurista mweġġah

[45] Art 1068(2) tal-Kap. 16.

**Francesco Ricci** jgħid hekk: "***La parte inadempiente, contro cui siasi chiesto lo scioglimento della convenzione, può arrestare il corso di quest'azione, dando immediata esecuzione al contratto; imperocché la risoluzione del contratto in forza del patto commissorio tacito o sottinteso non ha luogo di diritto, ma si opera per effetto della sentenza del giudice, il quale, come si è visto, può anche non pronunciare la risoluzione, accordando al convenuto un termine entro cui eseguire l'obbligazione**; **sinché pertanto l'obbligazione non è risoluta, essa sussiste, e sussistendo, il convenuto è nel diritto di darle esecuzione***. *S'intende però che le spese del giudizio occasionate dalla sua mora debbono andare a suo carico, e che l'attore quindi ha il diritto di esigere il rimborso di quelle da esso sostenute. .. Quando il convenuto non può impedire la risoluzione del contratto dimandata dall'attore, col dare esecuzione al medesimo?* ***Questa facoltà in lui cessa col passaggio della sentenza del giudice in autorità di cosa giudicata, e non prima***. *Imperocché, se la sentenza pronunciata può essere annullata o riformata, non può, certamente, ritenersi il contratto come definitivamente risoluto, dal momento che una successiva sentenza potrebbe respingere l'azione in risoluzione, od accordare al convenuto un termine per eseguire l'obbligazione.* ***Ora, sinché il contratto non è irretrattabilmente risoluto, esso sussiste, e sussistendo, si conserva il diritto di darvi esecuzione***. *Intervenuta però la cosa giudicata, l'attore ha il diritto di considerare come*

*irrevocabilmente risoluto il contratto, e se esso può rinunciare a questo diritto, preferendo di ottenere l'esecuzione del contratto, non ne può essere spogliato ad arbitrio del convenuto*."[46] (Enfasi miżjuda mill-Qorti);

59. Madankollu, ukoll kieku għall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha tqis biss dawk il-provi li jirreferu għaż-żmien ta' qabel ma nfetħet din il-kawża, din il-Qorti xorta waħda tibqa' tal-istess fehma li l-atturi mhux qed jgħidu s-sewwa meta qed jinsistu li l-unika prova li hemm fl-atti dwar l-użu mill-appellati tal-ġid donat hija dik dwar il-ġbid tad-dramm televiżiv '*Għada Jisbaħ Ukoll'*, u li sa meta nbdiet din il-kawża, il-ġid immobbli donat kien fi stat ta' abbandun totali. Għalkemm huwa minnu li l-ġid donat ma ntużax bħala "Dar tal-Kleru" jew inkella bħala residenza għas-Seminaristi, mill-provi voluminużi li tressqu fl-atti jirriżulta li l-ġid donat kien u għadu qiegħed tabilħaqq jintuża mill-imħarrkin għall-għanijiet *"spiritwali, pastorali u/jew edukattivi*", li jaħseb għalihom il-kuntratt ta' donazzjoni mertu tal-każ[47];

60. F'dan ir-rigward, kemm l-Arċisqof emeritu Guzeppi Mercieca, kif ukoll Raymond Bonnici li huwa l-maniġer tal-ġid tal-Kurja, xehdu li, fil-bidu, il-ġid kien jieħu ħsiebu Monsinjur Guzepp Mifsud Bonnici[48] li, min-

[46] **Francesco Ricci** – *'Corso Teorico-Pratico Di Diritto Civile'* – Vol VI – *Delle Obligazioni e Dei Contratti In Generale* – Titolo II – §134, paġ. 172.
[47] Ara l-paragrafu bin-numru wieħed f'par. 43 *supra*.
[48] Ara x-xhieda ta' Raymond Bonnici, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2012, f'paġ. 194, u x-xhieda tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2012, f'paġ. 270 tal-proċess

naħa tiegħu, fisser, kemm permezz ta' affidavit kif ukoll fil-kontroeżami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' April 2017, li huwa kien maħtur bħala delegat tal-Monsinjur Arċisqof għall-Kleru, u kkonferma li l-Arċisqof Mercieca kien tah struzzjonijiet speċifiċi biex jiżgura li l-ġid donat jintuża tajjeb għas-saċerdoti u għal dak li kien hemm bżonn[49]. L-istess Monsinjur qal ukoll li, matul iż-żminijiet, il-ġid donat intuża għal bosta attivitajiet fosthom: (i) għal-laqgħat ta' formazzjoni permanenti tas-saċerdoti; (ii) għal-laqgħat soċjali li jitnedew minn żmien għal żmien għas-saċerdoti; (iii) għal-laqgħat tas-seminaristi; (iv) għat-tagħlim tar-reliġjon, irtiri u attivitajiet mill-fergħa tas-Soċjetà tat-Tagħlim Nisrani (M.U.S.E.U.M.) tal-Parroċċa; (v) għall-konferenzi; u (vi) miż-żgħażagħ[50]. B'żieda ma' dan, Monsinjur Guzepp Mifsud Bonnici fisser ukoll li l-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju kienet tintuża, u dan fost l-oħrajn billi tiġi organizzata ġurnata Ewkaristika kull ġimgħa u dan għar-residenti tal-Parroċċa[51];

61. Dawn l-attivitajiet kollha li ssemmew mix-xhud Mifsud Bonnici, huma mbagħad ikkorroborati minn għadd ta' xhieda oħrajn kif ukoll anke jirriżultaw imsaħħa minn bosta provi dokumentarji li jinsabu mferrxin 'l hawn u 'l hinn fl-atti tal-kawża. Pereżempju, l-fatt li l-ġid donat intuża għal-laqgħat tal-kleru, ġie wkoll mistqarr: mill-Kanonku Angelo Vella li jgħid li kien attenda għal laqgħa bħal dawk fl-2004[52]; minn Dun Anthony

[49] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami li sar lill-Mons. Ġużepp Mifsud Bonniċi fis-seduta tas-6 ta' April 2017, f'paġ. 989 – 990 tal-proċess.
[50] Ara l-affidavit tal-Monsinjur Ġuseppe Mifsud Bonnici, 'Dok XY1', f'paġ 667 tal-proċess.
[51] *Ibid*.
[52] Ara l-affidavit tal-Kanonku Angelo Vella, 'Dok. XY2', f'paġ. 672 tal-proċess.

Cassar li serva bħala l-Kappillan tal-Parroċċa bejn is-snin 1995 u 2005[53]; minn Martin Busuttil li qatta' xi żmien iwettaq xi xogħlijiet ta' tiswija u titjib fil-ġid donat u li jgħid li f'dak iż-żmien ra b'għajnejh kemm-il darba lill-qassisin jiltaqgħu fil-post, isir quddies u wara jagħmlu riċeviment[54]; kif ukoll mix-xhieda ta' George Baldacchino li kien ix-xufier tal-Arċisqof emeritu Monsinjur Guzeppi Mercieca, u li rrakkonta kif huwa stess kien iwassal lill-Arċisqof Mercieca ta' spiss lejn '*Villa Manduca*', u dan mhux biss biex iqaddes fil-privat u jmur biex jiltaqa' mas-saċerdoti li kien iħoss il-ħtieġa li jkellem, iżda wkoll għal-laqgħat ta' kull distrett li kienu jinżammu fil-kappella jew fuq iz-zuntier, jew inkella fil-kamra tal-ġenb[55]. Il-fatt li l-ġid donat kien jintuża għal-laqgħat tal-qassisin huwa saħansitra wkoll ikkonfermat fir-rivista bl-isem "*Ilkoll Aħwa fi Kristu*", pubblikata għax-xhur ta' Lulju u Awwissu tas-sena 2006, u li minbarra li fiha kien avżat li kienet ser tiġi organizzata fiha attività soċjali għall-qassisin fl-okkażjoni tal-festa tal-Imnarja, u fejn wieħed isib miktub dan li ġej: "*Villa Manduca - Dan il-post ta' Wied il-Għajn qed jintuża għal-laqgħat u okkażjonijiet oħra bħal anniversarji tal-ordinazzjoni. Hekk il-kors li rċevew l-ordinazzjoni fl-1962 iċċelebraw, bħalma jagħmlu kull sena l-għada ta' l-Għid, b'quddiesa u ikla. Is-saċerdoti li se jagħlqu 25 sena fil-11 ta' Lulju se jiltaqgħu wkoll dak in-nhar f'Wied il-Għajn*"[56]. Il-verżjoni ta' Mons. Mifsud Bonnici li l-ġid

[53] Ara x-xhieda ta' Dun Anthony Cassar, mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2015, f'paġ. 744 tal-proċess.
[54] Ara x-xhieda ta' Martin Busuttil, mogħtija fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2016, f'paġ. 784 – 5 tal-proċess.
[55] Ara x-xhieda ta' George Baldacchino, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2015. (f'paġ. 729 tal-proċess
[56] F'paġ. 1055 tal-proċess

donat intuża wkoll għal-laqgħat tas-seminaristi hija mbagħad ikorroborata minn dak li xehed il-Kanonku Angelo Vella, li fisser kif huwa kien imur frekwenti fil-ġid donat u li sa meta waqaf imur 'l hemmhekk fl-2009, kienu jsiru żewġ laqgħat fix-xahar għas-seminaristi[57];

62. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-verżjoni ta' Monsinjur Mifsud Bonnici li parti mill-ġid donat kienet u qed tintuża mis-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M, il-Qorti rat li tali verżjoni ġiet ukoll imtennija kemm minn Dun Martin Micallef, li serva bħala Kappillan tal-Parroċċa bejn is-snin 2005 u 2008[58] u kif ukoll minn George Agius li serva bħala soċju u superjur tas-soċjetà M.U.S.E.U.M. fil-qasam ta' Wied il-Għajn bejn is-snin 2002 sa 2012[59]. Tali fatt ġie wkoll ikkonfermat minn Dun Ray Toledo li daħal fix-xena wara l-Mons. Guzeppi Mifsud Bonnici, u li minbarra li qal li huwa kien tkellem mas-superjur u mas-superjura, stqarr li ra b'għajnejh kif partijiet mill-ġid immobbli donat kienu tassew qed jintużа għat-tagħlim tal-katekiżmu tat-tfal[60];

63. Hekk ukoll, jirriżulta ppruvat li parti mill-ġid immobbli donat kien inbidel f'sala tal-konferenzi, u dan minn tal-inqas mis-sena 2006. Dan il-fatt, minbarra li ġie kkonfermat minn Martin Busuttil li kien inkarigat mix-

[57] Affidavit tal-Kanoniku Angelo Vella, 'Dok XY2', f'paġ. 672 tal-proċess
[58] Ara x-xhieda ta' Dun Martin Micallef, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2015, f'paġ. 725 tal-proċess
[59] Ara x-xhieda ta' George Agius, mogħtija fi-25 ta' Jannar, 2016, f'paġ. 765 tal-proċess
[60] Ara x-xhieda ta' Dun Ray Toledo, mogħtija fis-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2015, f'paġ/. 682 tal-proċess.

xogħlijiet li saru f'dik is-sala, jirriżulta wkoll ikkorroborat mill-kopja tal-imsemmija rivista "*Ilkoll Aħwa fi Kristu*" li nħarġet għax-xhur ta' Marzu u April tas-sena 2006 u li fiha nkiteb li dik is-sala kienet ser tinfetaħ il-Ħamis ta' wara l-Għid il-Kbir[61]. Minn verżjonijiet tal-istess rivista li ħarġu għax-xhur ta' wara, u sewwasew dawk għall-perjodu ta' bejn 'Lulju - Awwissu 2006'[62] u 'Settembru - Ottubru 2007', jidher li dik is-sala għandha wkoll kċina magħha u li kienet effettivament disponibbli biex tintuża għal '*seminars*' ta' nofs ta' nhar mill-parroċċi[63];

64. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, il-Qorti rat ukoll kif ma huwa minnu xejn li din il-Kappella ma ntużatx aktar għaliex baqgħet battâla minn dak kollu li kien jinsab fiha. Fil-kontroeżami li sarlu waqt is-smigħ tas-6 ta' Jannar, 2017, il-Kanonku Dun Angelo Vella fisser li "*kif dħalt jien mill-ewwel, in-nutara tatni lista ta' affarijiet li hemm tal-kappella u ħadthom il-kappella u reġgħet ġiet il-kappella tiffunzjona kif suppost li hi u minn dakinhar l'hawn, minn naħa tiegħi, minn naħa tiegħi l-quddies dejjem sar. Il-kappella dejjem kienet tiffunzjona"*[64]. Kemm permezz ta' affidavit,[65] kif ukoll fl-istess kontroeżami, l-istess xhud qal li huwa beda jinvolvi ruħu fil-ġid donat sa mill-2004 u għaldaqstant minn din ix-xhieda jirriżulta li l-Kappella f'ġieħ il-

---

[61] F'paġ. 1052 tal-proċess.
[62] F'paġ. 1055 tal-proċess.
[63] F'paġ. 1063 tal-proċess.
[64] F'paġ. 969 tal-proċess.
[65] Ara 'Dok. XY2', (f'paġ. 672 tal-proċess u t-traskrizzjoni tal-kontroeżami li sar lill-Kan. Dun A. Vella, waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru, 2016, (f'paġ. 967 tal-proċess

Madonna tar-Rużarju reġgħet bdiet tintuża b'mod regolari sa mill-anqas mis-sena 2004. Il-fatt li l-Kappella ma kinitx fl-istat imfisser mill-atturi ġie wkoll imxejjen minn bosta xhieda oħra, bħal tnejn mir-residenti ta' Wied il-Għajn, li kkonfermaw li wkoll fiż-żmien ta' qabel ma nbdiet din il-kawża, kienu jużaw il-Kappella ta' spiss, tant li kif qal il-Monsinjur Guzepp Mifsud Bonnici, fiha kienet tiġi organizzata ġurnata adorazzjoni kull ġimgħa[66]. Dan kollu huwa wkoll ikkonfermat minn ritratt li hemm fl-atti li jidher li ttieħed minn Dun Martin Micallef fil-14 ta' Lulju, tal-2005, u li minnu jidher kif dakinhar il-Kappella kienet diġà armata u qed tintuża[67];

65. Filwaqt li dan kollu jġib fix-xejn il-verżjoni tal-atturi appellanti li trid li saż-żmien li fih inbdiet din il-kawża, l-użu waħdien li l-konvenuti kienu għamlu mill-ġid donat kien għall-ġbid ta' teledramm, għandu wkoll jingħad li għall-kuntrarju ta' dak li qed jgħidu l-istess appellanti, il-ġbid tat-teledramm mill-post donat kien ukoll jaqa' sewwasew fil-parametri tal-għanijiet li għalih id-donaturi kienu taw dan il-ġid lill-Arċidjoċesi. Għalkemm l-atturi qed jibqgħu jargumentaw li l-użu tal-ġid donat għal dan il-għan ma jaqax taħt użu għal skopijiet '*edukattivi u/jew spiritwali*', mill-provi li ressqu l-konvenuti jirriżulta fiċ-ċar li dak it-teledramm ġie kkummissjonat mill-kumpannija '*Media Centre*', li hija enti tal-Kurja stess,

[66] Ara x-xhieda ta' Mary Farrell, mogħtija fi-seduta tal-25 ta' Jannar, 2016 (f'paġ 768), kif ukoll ix-xhieda ta' Miriam Bonello, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2016, f'paġ. 777 tal-proċess
[67] Ara 'Dok SA1' u 'Dok SA2', f'paġ. 675 – 6 tal-proċess.

u li kien tassew ixxandar għal skop pastorali u bil-għan li jitwassal messaġġ edukattiv dwar it-tħaddim tal-valuri nsara fil-ħajja ta' kuljum[68];

66. B'żieda ma' dan, il-Qorti rat ukoll li lanqas ma huwa minnu li, mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Godwin Abela, joħroġ li waqt l-aċċess irriżulta li l-fond donat kien 'fi stat ta' abbandun totali', jew inkella li n-nuqqas ta' użu jirriżulta ppruvat min-nuqqas ta' konsum ta' dawl u ilma. Fl-ewwel lok, sa fejn għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' konsum ta' dawl u ilma, il-Qorti rat li dan l-argument mhux biss m'għandux mis-sewwa għaliex ma ġie mressaq l-ebda kont tad-dawl u l-ilma fl-atti, iżda saħansitra huwa kontradett mix-xhieda ta' Dun Walter Cauchi li fisser kif huwa kien iħallas il-kont tad-dawl u l-ilma tal-fond donat flimkien mal-kontijiet l-oħra tal-Parroċċa[69]. Fit-tieni lok, sa fejn imbagħad qed issir referenza għar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Godwin Abela, u dan biex l-appellanti jibqgħu jisħqu li l-fond ma kienx qed jintuża u kien fi stat ta' abbandun, il-Qorti tosserva li, minbarra li fl-eskussjoni li saritlu waqt is-seduta tas-6 ta' Ġunju 2013, dak il-Perit stess qal li kien hemm ċertu kmamar li kienu jidhru li qed jiġu wżati "*għax kien hemm siġġijiet u bankijiet u voldieri nassumi li kien hemm xi udjenza*"[70], mir-relazzjoni addizzjonali konsistenti

[68] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta': (i) Raymond Bonnici, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2012, f'paġ. 195; (ii) l-affidavit ta' Mons. Giuseppe Mifsud Bonniċi, 'Dok XY1', f'paġ 667; (iii) il-kontroeżami ta' l-istess Mons. Mifsud Bonniċi tas-6 ta' April, 2017, f'paġ 990; (iv) kif ukoll ix-xhieda ta' Dun Charles Cordina, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2015, f'paġ. 716 sa 723 tal-proċess.
[69] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami li sar lil Dun Walter Cauchi waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2016, f'paġ. 956 sa 958 tal-proċess.
[70] Silta meħuda mill-eskussjoni tal-Perit Tekniku Godwin Abela li saret waqt is-smigħ tas-6 ta' Ġunju, 2013, f'paġ. 462 – 3 tal-proċess.

f'"*Photograpic Survey*" u "*Condition Report*", il-Qorti rat ukoll kif hemm bosta kmamar li jidhru li tassew qed jintużaw bħala swali u/jew klassijiet, li hemm kmamar oħra li jidhru li qed jintużaw bħala '*games room*', li hemm faċilitajiet sanitarji u kċina, u li l-kappella hija armata bis-Sagristija b'kollox, mgħammra għall-użu u li tidher li hija miżmuma fi stat tajjeb kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa[71];

67. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu huwa biżżejjed biex ixejjen jew idgħajjef sewwa l-verżjoni tal-atturi appellanti li l-ġid immobbli donat kien tħalla jaqa' żdingat u li ma kienx qed jintuża għall-għanijiet li ssemmew fil-kuntratt kostituttiv tad-donazzjoni. Il-Qorti ma jidhrilhiex għalhekk li l-Ewwel Qorti wettqet xi apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta qieset l-ilmenti tal-atturi dwar in-nuqqas ta' użu, jew użu ħażin, tal-ġid donat u dan bi ksur tal-kondizzjonijiet li tniżżlu fl-imsemmi kuntratt;

68. Sa fejn imbagħad l-appellanti qed jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tordna t-tħassir tad-donazzjoni għar-raġuni li l-Arċidjoċesi naqset milli twettaq il-<u>piżijiet piji</u> li ntrabtet li twettaq fil-kuntratt mertu tal-każ, il-Qorti tibda biex tgħid li ma taqbel xejn mal-appellanti meta qed jgħidu li, b'dak il-kuntratt, l-Arċidjoċesi kienet marbuta li twettaq il-piżijiet piji kollha li ssemmew minnhom fit-tielet paragrafu tad-disa' paġna tar-rikors tal-

---

[71] Ara 'Dok. GA', f'paġ 352 sa 430 tal-proċess.

appell, jew li nkella kienet marbuta li torganizza xi purċissjoni fl-okkażjoni tal-festa liturġika f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju;

69. Ġaladarba li din il-kawża hija dwar ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni fuq il-premessa li d-donatarju naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li għalihom saret id-donazzjoni, jeħtieġ li dawk il-kondizzjonijiet jirriżultaw mill-kuntratt ta' donazzjoni nnifsu u xejn aktar. F'dan il-każ, il-kuntratt ta' donazzjoni nkiteb f'termini ċari ħafna li ma jħallu l-ebda dubju dwar it-tifsira tagħhom. Tabilħaqq, minn dak il-kuntratt jirriżulta li l-kondizzjoni dwar il-ħarsien tal-obbligi u l-piżijiet piji ġiet speċifikatament limitata għal dawk: "*imposti fuq il-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, u dana ad litteram u a tenur tal kuntratt tal-Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tat-tlittax ta' Lulju tas-sena elf tmien mija u ħamsa u tmenin (1855), li kopja tiegħu qiegħda tigi hawn annessa bħala Dokument "B", <u>u tad-degrieti mogħtija mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Publio Maria Sant tat-tmienja ta Mejju tas-sena elf tmien mija u ħamsa u ħamsin (1855) u tat-tnejn u għoxrin ta' Awissu tas-sena elf tmien mija u ħamsa u ħamsin (1855)</u>*"[72];

70. Dan kollu jwassal għall-punt li, għalkemm huwa minnu li l-piżijiet piji li tniżżlu fil-kuntratt ta' qasma ta' ġid fl-atti tan-Nutar Alexander

[72] Silta meħuda mit-tieni paragrafu tat-tieni paġna tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997, 'Dok. PL1', f'paġ 314 tal-proċess.

Sceberras Trigona[73] u sewwasew dawk taħt ir-ras "*Feast of Our Lady of the Holy Rosary on the second Sunday in October, 68 High Masses, 1 High Mass*", imxew fuq il-ġid donat ukoll meta dak il-ġid għadda għand l-Arċidjoċesi bis-saħħa tal-kuntratt mertu tal-każ, dawn però ma kinux jagħmlu parti mill-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' donazzjoni jew inkella ssemmew fil-kuntratt ta' Fondazzjoni tan-Nutar Metropoli, u għalhekk l-atturi ma jistgħux jitolbu t-tħassir tal-kuntratt ta' donazzjoni għar-raġuni li t-tali piżijiet li setgħu ma ġewx imħarsa;

71. L-istess jgħodd għall-purċissjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju, li la tissemma fil-kuntratt tal-Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli u lanqas ma ġiet speċifikata bħala kondizzjoni fl-att ta' donazzjoni. Huwa għalhekk kollu ta' xejn li l-appellanti qed iħambqu li l-għan ewlieni wara d-donazzjoni kien biex il-festa f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju tibqa' tkun iċċelebrata bl-istess "*pompa*" li biha kienet tkun iċċelebrata qabel sar il-kuntratt ta' donazzjoni. Bħalma kienu jafu jniżżlu l-kondizzjonijiet li tniżżlu fil-kuntratt ta' donazzjoni, daqstant ieħor id-donaturi, kieku riedu, setgħu niżżlu dak li llum qed jgħidu l-atturi appellanti. Dan m'għamluhx u għalhekk l-appellanti, bħala suċċessuri fit-titolu tad-donaturi, ma jistgħux issa jitolbu t-tħassir tal-kuntratt ta' donazzjoni fuq xi 'kondizzjoni' li l-awturi fit-titolu tagħhom ma niżżlux bil-kitba f'dak il-kuntratt. Daqskemm donazzjonijiet ta' din ix-xorta ma

[73] Ara Dok. MM1, f'paġ 170 tal-proċess.

jiswewx jekk ma jsirux b'att pubbliku[74], daqstant ieħor ma jiswewx 'kondizzjonijiet' marbuta ma' donazzjonijiet bħal dawn li ma jitniżżlux fl-att pubbliku li bih issir id-donazzjoni;

72. Dak li jirriżulta mill-kuntratt tal-Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli, huwa sewwasew li b'kollox kien hemm tliet (3) quddisiet li kellhom jitqaddsu ta' kull sena fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju: waħda lejliet jew nhar il-festa titolari tal-Madonna tar-Rużarju, u tnejn oħra li setgħu jitqaddsu fi ġranet sussegwenti[75]. Huwa għalhekk f'dan il-qafas probatorju li l-Qorti tista' tistħarreġ l-ilmenti tal-appellanti;

73. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tibda biex tgħid li ma taqbilx mal-atturi appellanti meta jgħidu li l-imħarrkin naqsu milli jwettqu l-obbligi u l-piżijiet piji għal erbatax-il (14) sena sħaħ, u sewwasew għaż-żmien kollu sakemm inbdiet din il-kawża. Għalkemm l-appellanti qed jisħqu li l-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju ma setgħetx tintuża għaliex ġiet imneżżgħa minn kulma kien fiha qabel ma saret id-donazzjoni u baqgħet f'dik il-qagħda sakemm infetħet din il-kawża, mill-provi jirriżulta mod ieħor. Kif intqal aktar kmieni, l-Kanonku Dun Angelo Vella xehed li fis-sena 2004, il-Kappella kienet reġgħet ġiet armata minnu stess għall-quddies u li minn dakinhar 'il quddiem "***il-quddies dejjem sar***" u "***l-kappella dejjem***

[74] Artikolu 1753(1) tal-Kap. 16.
[75] Ara l-kuntratt ta' Fondazzjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli, mehmuż flimkien ma' 'Dok PL1', f'paġ 314 tal-proċess.

***kienet tiffunzjona***". B'mod partikolari, dan ix-xhud żied ukoll li: "***f'Ottubru konna nagħmlu tliet ijiem tridu, Ġesù espost mill-għaxra sal-erbgħa ta' waranofsinhar, imbagħad wara l-erbgħa ta' waranofsinhar, nagħmlu quddiesa bl-omelija hemmhekk, imbagħad il-festa l-istess u nagħmlu quddiesa solenni***"[76]. Il-verżjoni ta' dan ix-xhud hija mbagħad korroborata minn bosta xhieda oħrajn bħal Dun Martin Micallef, li meta ġie mistoqsi dwar x'kien jiġri fi żmienu bħala kappillan tal-Parroċċa f'jum il-festa tal-Madonna tar-Rużarju, wieġeb li "***[o]vvjament konna niftħu l-kappella, nagħmlu ġurnata adorazzjoni mbagħad filgħaxija ssir quddiesa***"[77]. Kappillan ieħor li kkonferma dan kollu huwa mbagħad Dun Walter Cauchi li rrakkonta kif huwa saħansitra beda l-pastorali tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa b'quddiesa li ċċelebra flimkien mal-Kanonku Dun Angelo Vella, u dan fil-ġid donat, f'Ottubru tal-2008. Bħall-Kanonku Dun Angelo Vella, Dun Walter Cauchi qal ukoll li l-quddies dejjem sar u qatt ma tnaqqas[78]. Tal-istess verżjoni hija wkoll Miriam Bonello, residenta f'Wied il-Għajn, li għall-mistoqsija dwar jekk kinitx issir il-festa tal-Madonna tar-Rużarju u dan fil-kappella tal-villa, wieġbet fl-affermattiv u filwaqt li fissret li din kienet issir fis-7 ta' Ottubru b'quddiesa f'dik il-kappella, ikkonfermat li din baqgħet issir ta' kull sena[79].

---

[76] Silta meħuda mill-kontroeżami tal-Kan. Angelo Vella, li sar waqt is-smigħ tas-6 ta' Jannar, 2017, (f'paġ. 969). Ara wkoll l-affidavit tas-istess Kan. Angelo Vella, 'Dok. XY2', f'paġ. 672 tal-proċess

[77] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda li ngħatat minn Dun Martin Micallef waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2015, f'paġ. 724 tal-proċess

[78] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dun Walter Cauchi, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2016, (f'paġ. 863 tal-proċess.

[79] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Miriam Bonello, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2016, f'paġ. 777 tal-proċess)

Intwera wkoll li sal-2016, u dan wara li Dun Walter Cauchi ma baqax Kapillan tal-Parroċċa, tali quddies baqa' jsir u dan anke f'jum il-festa tal-Madonna tar-Rużarju[80];

74. F'dan il-qafas ta' provi li l-atturi ma seħħilhomx imieru, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-atturi appellanti, meta jilmentaw li l-Arċidjoċesi kisret l-obbligi u l-piżijiet piji imposti fuqha, u dan wara li fis-sena 2007 inħareġ digriet li bih infdew dawk il-piżijiet għas-somma globali ta' mitejn Lira Maltin (LM200)[81]. Irrispettivament mill-fidi ta' dawk il-piżijiet, mill-provi li għadhom kif issemmew jirriżulta li, fil-prattika, anke mis-sena 2007 'l quddiem, il-quddies kif mitlub fil-Kuntratt ta' Fondazzjoni tan-Nutar Guiseppe Metropoli xorta waħda baqa' jsir u b'hekk dan huwa biżżejjed biex jitwarrbu l-ilmenti tal-appellanti sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-fidi ta' dawn il-piżijiet. Għandu wkoll jingħad li, b'kuntrast ma' dak li qed jgħidu l-atturi, Monsinjur Anton Portelli, li kien dak li ressaq ir-rikors għall-fidi ta' dawn il-piżijiet, ikkonferma għal darba darbtejn, li mis-sena 2007 'il quddiem, it-tliet (3) quddisiet kienu wkoll fil-fatt qed isiru[82];

75. Daqstant ieħor ma jistax ikun ta' fejda għall-atturi appellanti l-ilment tagħhom li l-quddies impost mill-Arċisqof Mercieca bħala "*sinjal ta*

---

[80] Ara x-xhieda ta' Dun Roderick Camilleri, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2016, (fol 928).

[81] Ara d-digriet iffirmat mill-Vigarju Ġenerali, l-Mons. Annetto Depasquale, mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, fil- 14 ta' Novembru, 2007.

[82] Ara l-kontroeżamijiet li saru lil Monsinjur Anton Portelli waqt is-seduti tas-27 ta' Ottubru, 2016, (fol 948), u dik tas-6 ta' April, 2017, (fol 986).

*rikonoxxenza*" ġie limitat biss għal 12-il quddiesa għal 25 sena, u li ma kienx jitqaddes quddies ieħor għal dan il-għan. Minbarra li, kif diġà rajna aktar qabel, l-obbligu dwar iċ-ċelebrazzjoni ta' dak it-tip ta' quddies huwa ta' sura modali u mhux kondizzjonali[83], mill-provi ħareġ li fis-sewwa kienu jsiru bosta quddies għal dan il-għan[84]. Kemm hu hekk, Dun Roderick Camilleri, li fl-2016 inħatar bħala Kappillan tal-Parroċċa wara Dun Walter Cauchi, fisser li fil-ftit xhur li kien ilu bħala Kappillan, huwa kien diġà sab "*li jsir(u) bejn sebgħin u tmenin quddiesa għall-erwieħ ta' Apap Bologna u l-familja kollha, Felicissimo u Carmela Apap Bologna, Angela Formosa Gauci u żewġha, Agatina u Carmela Debattista*", u dan inkluż f'lejliet kif ukoll f'jum il-festa[85]. Barra minn hekk, mix-xhieda tal-Monsinjur Anton Portelli[86], jirriżulta wkoll li l-quddies li ssemma fid-digriet tal-Arċisqof kien fil-fatt qed isir, għadu jsir, u mhuwiex (bħalma qed jgħidu l-atturi appellanti) limitat biss għal 25 sena, iżda huwa ta' natura perpetwa tant li f'dak id-digriet ġie ordnat ukoll li għandhom isiru "*tliet (3) Quddisiet letti fis-sena għal dejjem wara dak il-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena*"[87];

---

[83] Ara §46 *supra*.

[84] Ara f'dan is-sens: (i) l-Affidavit ta' Dun Walter Cauchi, 'Dok KAP', f'paġ 103; (ii) ix-xhieda mogħtija mill-istess Dun Walter Cauchi waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2016 (f'paġ 862); (iii) l-kontroeżami li sar lil Dun Angelo Vella fis-smigħ tas-6 ta' Jannar, 2017; (iv) ix-xhieda ta' Fr. Stephen Attard, mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2014 (f'paġ 704); u (v) x-xhieda ta' Miriam Bonello, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2016,f'paġ. 777 tal-proċess

[85] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Dun Roderick Camilleri waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2016, f'paġ. 924 tal-proċess.

[86] Ara l-affidavit ta' Monsinjur Anton Portelli, 'Dok AP1', (f'paġ 756). Ara wkoll il-kontroeżami li sar lill-istess xhud fis-seduta tas-6 ta' April, 2017, (f'paġ 986 tal-proċess.

[87] Ara d-digriet tal-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona, datat 14 ta' Novembru 2007, (f'paġ 760 tal-proċess.)

76. Sa fejn imbagħad qed jitressaq l-ilment li l-Ewwel Qorti żbaljat bil-kbir meta naqset milli tordna t-tħassir tad-donazzjoni u dan minkejja li hija stess irrikonixxiet li kien hemm żmien fejn il-konvenuti ma wettqux l-piżijiet piji imposti fuqhom, din il-Qorti għalkemm tifhem li bejn is-snin 1998/1999 u 2003 il-piżijiet piji setgħu ma ġewx imwettqa mill-Arċidjoċesi '*ad literam*', madanakollu ma taqbilx mal-atturi li tali nuqqas kien gravi u serju tant li kellu jwassal għat-tħassir tad-donazzjoni. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li biex il-Qorti tordna l-ħall ta' kuntratt bis-saħħa tat-tħaddim tal-patt kommissorju taċitu, "*hemm bżonn li l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat għall-gravità tal-konsegwenzi derivanti minn dik ir-riżoluzzjoni*"[88]. Ingħad ukoll li huwa *"biss fil-każijiet fejn l-indampjenza tkun waħda gravi u b`konsegwenzi drastiċi*" li twassal għall-eventwali xoljiment tal-ftehim[89];

77. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ tal-lum, il-Qorti jidhrilha li, għad li x'aktarx ma kinux qegħdin jitqaddsu quddies fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju mis-sena 1998/99 sakemm daħal fix-xena il-Kanonku Dun Angelo Vella fl-2004, dan in-nuqqas ma jista' qatt però jitqies li huwa tant gravi li huwa proporzjonat għall-konsegwenzi

[88] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Bellia v. Bellia,*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-**26 ta' Marzu 1958** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1051**). Din is-silta ssemmiet b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Helen armla tal-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri et. v. Anthony George Zahra noe.*** deċiża fit-28 ta' Settembru, 2012. Dan kollu ssemma wkollni fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Penza v Giuseppe Cachia***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru, 1959 (Kollez. Vol **XLIII.ii.805**)
[89] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina,*** ikkonfermata minn din il-Qorti fis-**27 ta' Marzu, 2020**.

drastiċi li jġib miegħu t-tħassir ta' donazzjoni mertu tal-każ[90]. Il-Qorti qed tasal għal din il-fehma fuq is-saħħa ta' bosta raġunijiet, li ser jissemmew fil-paragrafi li jmiss;

78. L-ewwel nett, filwaqt li huwa minnu li mix-xhieda ta' Dun Anthony Cassar (li serva bħala Kappillan tal-Parroċċa bejn is-snin 1995 u 2005), jirriżulta li, mill-1998, il-purċissjoni u l-quddiesa f'jum il-festa tal-Madonna tar-Rużarju ma baqgħux isiru fil-ġid donat, madanakollu, ma jistax jintesa li l-istess xhud stqarr li meta ġie biex jieħu dik id-deċiżjoni, huwa kien bagħat għad-donatriċi Formosa Gauci biex jgħarrafha b'dak kollu li kellu f'moħħu, u kkonferma għal aktar minn darba kif din ma kinitx oġġezzjonat[91]. Kemm hu hekk, Dun Anthony Cassar irrakkonta li huwa kien beda jistieden lis-Sinjorina Formosa Gauci għal dik il-funzjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju li bdew jiċċelebrawha fil-knisja parrokkjali, jippreżentalaha x-xemgħa li rreferew għaliha l-atturi hemmhekk stess, u kien joffri wkoll dik il-quddiesa għal ruħ ommha u missierha[92]. Filwaqt li dan juri li l-quddiesa tal-festa f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju ma baqgħetx tiġi ċċelebrata fil-ġid donat <u>bil-barka ta' waħda mid-donaturi stess</u>, mix-xhieda ta' Dun Anthony Cassar, jidher ukoll li bħala karattru, d-donatriċi Formosa Gauci ma tantx kienet xi waħda li kienet tħobb tfettaq u teżiġi li kollox isir 'bil-pinna u l-klamar'. Fil-fatt, l-istess xhud irrakkonta kif, darba

[90] Mill-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997, jidher li f'dak iż-żmien il-valur tal-ġid immobbli donat diġà kien ilaħħaq il-valur ta' <u>miljun lira Maltija</u>, (f'paġ 315 tal-proċess).
[91] Ara x-xhieda mogħtija minn Dun Anthony Cassar waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2015, f'paġ. 742 – 4 tal-proċess.
[92] *Ibid.*

minnhom, wara funzjoni minn dawk li saret fil-knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn u dan f'jum il-festa tal-Madonna tar-Rużarju, din qaltlu li ma kellux għalfejn jibqa' jippreżentalha dik ix-xemgħa twila għat-twettiq ta' piż ieħor li tnissel mid-donazzjoni tal-art tal-knisja parrokkjali mill-antenati tagħha[93]. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni tajba għalfejn m'għandhiex temmen lil dan ix-xhud, u dan għaliex minnbarra li baqa' sod anke meta ġie kontroeżaminat, l-istess xhud la għandu xejn x'jitlef u wisq inqas x'jakkwista b'din il-kawża, u għalhekk ix-xhieda tiegħu għandha valur probatorju qawwi[94];

79. Minkejja li l-appellanti qegħdin jagħtu verżjoni oħra u jgħidu li d-donaturi kienu qalbhom maqsuma ferm u mgħaddbin li ma kinitx qed issir il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Kappella tal-ġid donat, din il-Qorti xorta waħda ma hija konvinta xejn li d-donaturi kienu qed iqisu n-nuqqasijiet tal-Arċidjoċesi bħala tant gravi li kellhom iwasslu għat-tħassir tad-donazzjoni, u għar-radd lura lilhom tal-ġid donat. Kif tifhimha l-Qorti, li kieku d-donaturi tassew kienu qed iqisu n-nuqqasijiet tal-Arċidjoċesi bħala tant gravi u serji bil-mod ta' kif qed jiġi mfisser mill-atturi, dawn kienu aktar iva milli le jipproċedu legalment kontra l-Arċidjoċesi fiż-żmien qasir u meta l-Kappella kienet tassew magħluqa. Bosta minn nuqqasijiet li l-appellanti jsemmu fil-kawża kienu suppost ilhom għaddejjin minn żmien

[93] *Ibid*.
[94] Ara s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Protect Services Limited v. Saviour Johnson et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fis-**26 ta' Ottubru, 2022**

meta d-donatriċi kienu għadhom ħajjin u attivi. Il-fatt innifsu li din il-kawża nfetħet biss wara l-mewt tad-donatriċi jitkellem waħdu;

80. Fattur ieħor li jkompli jsaħħaħ din il-fehma tal-Qorti jirriżulta mbagħad minn ittra dikjaratorja li ġiet iffirmata mid-donatriċi Agatha Formosa Gauci fis-7 ta' Ġunju, 2001[95] u sewwasew fi żmien li fih il-quddies tal-festa tal-Madonna tar-Ružarju x'aktarx ma kienx qed jitqaddes fil-kappella tal-ġid donat u 'suppost' meta l-istess donatriċi kienet mikduda u rrabjata bin-'nuqqasijiet' tal-Arċidjoċesi. B'mod partikolari, f'dik l-ittra s-Sinjorina Formosa Gauci stqarret li: "*spontanjament u deliberatament, bla ma kont bl-ebda mod imġiegħla jew influwenza minn xi ħadd, minn jeddi u għax hekk ridt*", f'dak il-jum, kienet ser tikkonsenja lill-Arċisqof Mercieca, bagoll u tliet kaxxi tal-kartun mimlija b'oġġetti tal-metall prezzjuż bħal fidda u deheb[96]. Ta' aktar rilevanza huwa mbagħad li fl-istess ittra dikjaratorja tniżżel ukoll li: "*Dawn l-oġġetti kollha jien qed nagħtihom lil Ecc.za T. Rev.ma Mons Arċisqof u nagħmel minnhom donazzjoni lid-Djoċesi ta' Malta. Jiena nħalli f'idejn l-Ecc.za T. Rev.ma Mons. Arċisqof li jiddisponi minn dawn l-oġġetti kollha kif jara li hu xieraq*"[97]. Kif tifhimha l-Qorti, il-kontenut ta' din l-ittra dikjaratorja jistona bil-kbir ma' dak li qed jgħidu l-atturi appellanti f'din il-kawża, u dan għaliex li kieku tassew Agatha Formosa Gauci kienet qed

[95] Ara Dok. PL4, f'paġ. 312 tal-proċess.
[96] *Ibid.*
[97] *Ibid*.

tqis in-nuqqasijiet tal-Arċidjoċesi bħala tant gravi u kienet qed tħossha ferm iddispjaċuta, u saħansitra rrabjata bil-mod ta' kif ġie mfisser minnhom, mela allura kif kienet qatt ser tkun lesta li terġa' tagħti donazzjoni oħra b'valur sostanzjali lill-istess Arċisqof f'isem l-Arċidjoċesi, u dan fi żmien meta kienet taf li ma kinitx qed tiġi ċċelebrata l-festa fil-Kappella ta' '*Villa Manduca*'?;

81. Għandu jingħad ukoll li minkejja li ġew imressqa żewġ ittri: waħda tal-attur Avukat Lanfranco u l-oħra tad-donatriċi Agatha Formosa Gauci nnifisha li jġibu d-data tal-21 ta' Frar 2000[98] u t-18 ta' Novembru 2002[99] rispettivament, f'dawk l-ittri ma ngħatax l-iċken ħjiel li d-donaturi kienu qed jipprospettaw li jirrikorru għat-tħassir tad-donazzjoni. Fil-fatt, minbarra li l-ittra dikjaratorja msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan ġiet iffirmata <u>wara</u> l-ittra tal-Avukat Lanfranco, sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ittra tat-18 ta' Novembru 2002, Agatha Formosa Gauci qalet biss: "*I Agatha Formosa Gauci of 12 Villegaignon Mdina with reference to the donation of the property 'Villa Manduca' Marsacala passed on to the Archdiocese of Malta for purposes mentioned in the said contract of donation in the acts of Notary Paul Pullicino LL.D. of the 14th August 1997 by myself and by my deceased sister Carmelina,* ***<u>inform you</u>*** *that for next* ***<u>year I would like to exercise my right</u>*** *in order for a Mass to be celebrated on the*

[98] Ara 'Dok F', f'paġ. 25 tal-proċess
[99] F'paġ. 80 tal-proċess.

*feast of Our Lady of the Rosary at the Chapel in Villa Manduca*"[100]. Fil-fehma tal-Qorti, dak li jirriżulta minn din l-ittra huwa biss li d-donatriċi Formosa Gauci sempliċiment riedet tavża lill-Arċisqof li għas-sena li kien imiss xtaqet teżerċita l-jedd li żammet fil-kuntratt ta' donazzjoni[101] u mhux li 'tinterpella' lill-Arċisqof;

82. Mhux ta' anqas rilevanza huwa mbagħad il-fatt li l-ittra tat-18 ta' Novembru, 2002 li ssemmiet fil-paragrafu ta' qabel dan, kienet <u>l-unika ittra</u> li ntbagħatet direttament mid-donatriċi Formosa Gauci dwar id-donazzjoni li wasslet għal din it-tilwima[102]. Għalkemm huwa minnu li l-atturi kollha saħqu li d-donatriċi Formosa Gauci kienet b'mod frekwenti u persistenti tkellem u tgħid lill-Arċisqof biex iwettaq il-kondizzjonijiet tad-donazzjoni, fl-istess waqt, din il-verżjoni hija però kontradetta mix-xhieda tal-Arċisqof emeritu Guzeppi Mercieca nnifsu li qal li d-donatriċi Formosa Gauci marret tkellmu darba biss fil-Palazz u dan biex tagħtih donazzjoni li qal li m'aċċettax[103]. Barra minn hekk, il-verżjoni tal-atturi hija wkoll imtappna bil-fatt li, fil-kontroeżami tiegħu, l-attur Dr. Attard Montalto *nomine* stess stqarr li s-Sinjura Formosa Gauci "*kienet tħoss ċertu reverenza lejn l-Arċisqof u kienet tħossha mbarazzata li qisha tgħidlu*

---

[100] I*bid*.
[101] Ara §47 *supra*.
[102] Ara l-kontroeżami ta' Dr. Mark Attard Montalto li sar waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2015, f'paġ. 604U tal-proċess.
[103] Ara x-xhieda tal-Arċisqof emeritu Ġużeppi Mercieca, mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Ottubru, 2012 u l-10 ta' Diċembru 2012, f'paġ. 267,281 u 283 tal-proċess

*għamel hekk u għamel hekk*"[104]. Jekk allura d-donatriċi Formosa Gauci kienet tħossha mbarazzata li tgħid lill-Arċisqof x'jagħmel, mela allura kif fl-istess waqt qed jingħad li kienet "*il-ħin kollu tgħidlu biex jagħmel il-kondizzjonijiet*"?[105];

83. Filwaqt li dan kollu ma jikkonvinċi xejn lill-Qorti li d-donaturi nfushom kienu qed iqisu n-nuqqasijiet tal-Arċidjoċesi bħala gravi u serji biżżejjed li kellhom u għandhom iwasslu għat-tħassir tad-donazzjoni u r-radd lura tal-ġid donat, il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ il-konsegwenzi tar-rexxissjoni kienu x'aktarx ukoll meqjusa bħala drastiċi u mhux mixtieqa mid-donaturi stess, u dan sewwasew għaliex kienu ser iwasslu biex ixejnu x-xewqa profonda tagħhom dwar x'kellu jsir minn '*Villa Manduca*' u mill-kappella ddedikata lill-Madonna tar-Rużarju. Mill-ġabra tal-provi jirriżulta li d-donazzjoni ta' din il-proprjetà lill-Knisja kienet ta' importanza kbira għad-donaturi tant li, fix-xhieda tiegħu, l-attur avukat Lanfranco nnifsu stqarr li t-tali donazzjoni kienet "*il-veru fissazzjoni tagħhom*"[106]. Il-fatt ta' kemm id-donaturi riedu b'saħħa kbira jgħaddu dan il-ġid lill-Knisja jirriżulta wkoll mill-fatt li filwaqt li d-donatriċi Carmelina Debattista kienet saħansitra diġà ħasbet għal din id-donazzjoni fit-testment sigriet tagħha[107], min-naħa l-oħra, oħtha Agatha Formosa Gauci kienet tgħid li

[104] Ara l-kontroeżami tal-attur Dr. Mark Attard Montalto *nomine* li sar waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2015, f'paġ. 604R tal-proċess.
[105] *Ibid*. f'paġ 604U tal-proċess.
[106] Ara x-xhieda tal-attur Lanfranco, mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' April, 2012, f'paġ. 85 tal-proċess.
[107] Ara 'Dok H', f'paġ. 30 tal-proċess.

l-ġid mertu ta' din il-kawża kien kollu għall-Knisja[108]. Flimkien ma' dan, jirriżulta wkoll ippruvat li għan ieħor tad-donaturi wara d-donazzjoni kien sabiex titwettaq il-wegħda tal-għażiża ommhom li dan il-ġid, flimkien mal-kappella, jgħaddi f'idejn il-Knisja[109]. Naturalment, li kieku l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-appellanti, dawn ix-xewqat tad-donaturi kienu jisfumaw fix-xejn – konsegwenza li wisq probabbli d-donaturi stess ma xtaqux, u dan aktar w'aktar meta mill-provi ħareġ li l-ġid donat kien u għadu tassew qed jintuża għall-għanijiet spiritwali, pastorali u edukattivi kif xtaqu d-donaturi, u li mis-sena 2004 'il quddiem, il-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, li kienet tant għal qalb id-donaturi, reġgħet bdiet tintuża mhux biss għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju, iżda saħansitra għal għanijiet pastorali matul is-sena kollha;

84. Marbut sfiq ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li, fl-aħħar mill-aħħar, is-sustanza għandha tirbaħ fuq il-forma, u l-liġi mhijiex qegħda hemm biex isservi bħala strument għat-twettiq ta' inġustizzja. Wara kollox, l-għan aħħari wara t-twettiq tal-piżijiet piji huwa wieħed spiritwali u speċifikatament biex iservi ta' suffraġju għal ruħ l-antenati tad-donaturi. Il-fatt li, għall-ewwel ftit tas-snin u sewwasew sas-sena 2004, l-Arċidjoċesi setgħet ma mxietx 'bil-pinna u l-klamar' u ma ċċelebratx il-quddies b'sufraġju għall-erwieħ tal-antentati tad-donaturi ġewwa l-Kappella tal-

[108] Ara x-xhieda ta' Mary Farrell, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2016, f'paġ. 774 tal-proċess.
[109] Ara f'dan is-sens ix-xhieda kif ukoll il-kontroeżami ta' Ġorġ Baldacchino li sar waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2015, f'paġ 732, 734 u 738 tal-proċess.

Madonna tar-Rużarju, iżda fi knejjes oħrajn, ma jfissirx li dak il-quddies ma tqaddisx, speċjalment meta jirriżulta li, għall-ewwel snin ta' wara d-donazzjoni, il-quddies kien qed jitqaddes fil-knisja parrokkjali tal-Parroċċa[110] biex imbagħad fis-sena 2002 u x'aktarx fis-sena 2003 dan sar fil-Katidral tal-Imdina, bis-sehem tal-Arċisqof innifsu u saħansitra bil-parteċipazzjoni tad-donatriċi Formosa Gauci wkoll[111]. Fuq kollox, irriżulta wkoll li fl-2007 Monsinjur Anton Portelli fisser li biex l-Arċidjoċesi tkun ċerta li sar il-quddies kollu impost fuqha għaż-żmien tal-ewwel għaxar snin tad-donazzjoni, din kienet għaddiet somma flus fl-Uffiċju tal-Quddies dirett u dan biex bihom tqaddsu b'lura tletin (30) quddiesa, li jirrappreżentaw tliet quddisiet fis-sena għal għaxar (10) snin[112];

85. M'hemmx għalhekk l-inadempjenza pretiża mill-atturi appellanti f'dan ir-rigward u, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma jidhrilhiex li **<u>t-tieni aggravju</u> <u>tal-appell ewlieni</u>** huwa mistħoqq. Dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġew miċħuda t-talbiet kollha tal-atturi ser tkun għalhekk konfermata;

86. Jifdal issa li l-Qorti tistħarreġ **it-tielet aggravju tal-appell ewlieni**, kif ukoll **il-bqija tal-aggravji tal-appelli inċidentali**. Peress li t-tielet aggravju tal-appell ewlieni huwa dwar il-kap tal-ispejjeż, il-Qorti ser tkun

---

[110] Ara § 78 *supra*.
[111] Ara l-kontroeżami li sar lil Mons Giuseppe Mifsud Bonniċi waqt is-seduta tas-6 ta' April, 2017, f'paġ. 992 – 3 tal-proċess.
[112] Ara l-kontroeżami li sar lil Mons Dun Anton Protelli fis-6 ta' April, 2017, f'paġ. 985 – 6 tal-proċess.

qed tħallih għall-aħħar u minflok tgħaddi biex tistħarreġ il-bqija tal-aggravji li tqajmu mill-konvenuti u dan fl-**appelli inċidentali** rispettivi tagħhom;

87. F'dan ir-rigward, wieħed mill-aggravji li tniżżel kemm fl-appell inċidentali tal-Arċidjoċesi kif ukoll dak tal-Parroċċa huwa li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad l-**ħames eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi**, li fiha tqajmet id-difiża li l-kuntratt ta' donazzjoni ma kienx mgħobbi bl-obbligi kollha msemmija mill-atturi. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tgħid ħafna u dan għaliex, aktar qabel f'din is-sentenza, diġà wriet il-fehma li ħafna mill-obbligi li ssemmew mill-appellanti ma jirriżultawx mill-kuntratt ta' donazzjoni li tiegħu qed jintalab it-tħassir[113]. Dan l-aggravju huwa għalhekk mistħoqq u l-Qorti ser tkun qiegħda f'dan is-sens tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha nċaħdet il-ħames eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi u, minflok, ser tkun qed tilqagħha;

88. Fl-aħħar parti tal-appelli inċidentali kemm l-Arċidjoċesi kif ukoll il-Parroċċa qegħdin imbagħad jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha nċaħdu t-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien u l-għaxar eċċezzjonijiet li tqajmu fit-tweġiba maħlufa tal-Parroċċa. Jargumentaw li, fil-konsiderazzjonijet tagħha, l-Ewwel Qorti kinet diġà wriet li qed taqbel ma' dawk l-eċċezzjonijiet, u għalhekk jidhrilhom li huwa 'inspjegabbli' u 'legalment skorrett' li dik il-Qorti

[113] §§ 69 – 72 *supra*.

għaddiet biex ċaħdet dawk l-eċċezzjonijiet. Fost l-oħrajn, jgħidu wkoll li dik il-Qorti sabet ukoll li ma kellhiex tagħti żmien u sewwasew il-'purgazzjoni tal-mora' għaliex dehrilha li kemm qabel kif ukoll waqt il-kawża l-obbligi kollha kienu qed jitwettqu;

89. Ġaladarba li dan l-aggravju huwa dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar iċ-ċaħda ta' bosta eċċezzjonijiet, il-Qorti ser ikollha tqis dan l-aggravju biċċa biċċa, u dan fl-istess sekwenza tal-eċċezzjonijiet li tressqu u li, skont il-konvenuti appellati, messhom intlaqgħu;

90. Sa fejn għandu x'jaqsam mat-tieni eċċezzjoni li fiha tqajmet id-difiża dwar l-improponibilità u l-inamissibiltà tal-azzjoni tal-atturi fuq ir-raġuni li mill-kuntratt ta' donazzjoni "*jirriżulta li din kienet "donazzjoni irrevokabbli*"", il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ċaħdet din l-eċċezzjoni. Diġà ntwera aktar 'il fuq li għalkemm il-kuntratt ta' donazzjoni huwa fil-prinċipju wieħed irrevokabbli, madanakollu l-liġi nnifisha tipprovdi li d-donazzjonijiet jistgħu jitħassru bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva espressa jew taċita[114]. Għandu jingħad ukoll li fl-ebda parti mill-konsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma tat xi ħjiel li kienet qed taqbel ma' din l-eċċezzjoni. Għall-kuntrarju, dik il-Qorti qalet li: "*[i]n vista ta' dan kollu għalhekk, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni jista' jiġi rexiss mill-Qorti,*

[114] Artikolu 1785 tal-Kap. 16.

*fil-każ li jirriżultaw fondati l-allegazzjoni ta' inadempjenza ta' kondizzjonijiet riżoluttivi fil-kuntratt in-eżami kif sostnut mir-rikorrenti*"[115];

91. It-tielet eċċezzjoni tal-Parroċċa hija mbagħad identika għas-seba' eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi, li dwarha kemm il-Parroċċa kif ukoll l-Arċidjoċesi ressqu l-ewwel aggravju tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti diġà sabet li s-seba' eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi ma kellhiex tkun miċħuda għal kollox u kellha tintlaqa' limitatament u dan sa fejn għandhom x'jaqsmu l-klawsoli bin-numru tlieta (3) u erbgħa (4) tal-kuntratt mertu tal-każ. Peress li, kif ingħad, it-tielet eċċezzjoni tal-Parroċċa hija l-istess bħas-seba' eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi, l-Qorti ser tkun qegħda tħassar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn inċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-Parroċċa u, minflok, ser tintlaqa' bil-mod limitat hekk kif imfisser aktar qabel[116];

92. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mar-raba' eċċezzjoni tal-Parroċċa li fiha tressqet id-difiża li l-klawsola dwar l-użu tal-ġid donat ma kinitx taħseb għal xi żmien partikolari li fih kellha tiġi attwata, il-Qorti rat li s-sentenza appellata ma tgħid xejn dwar dan il-punt u għalhekk ma jistax jingħad li d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti hija kontradittorja mal-konsiderazzjonijiet. Aktar minn hekk, la l-Parroċċa u lanqas l-Arċidjoċesi ma ressqu xi argumenti speċifiċi għalfejn din l-eċċezzjoni ma kellhiex tkun miċħuda u, fin-nuqqas ta' argumenti konkreti għalfejn id-deċiżjoni tal-

[115] Estratt meħud minn paġna 44 tas-sentenza appellata.
[116] §49 *supra.*

Ewwel Qorti jmissha titqies bħala waħda ħażina, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn iddawwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward[117];

93. Lanqas ma jistgħu jitqiesu mistħoqqa l-ilmenti tal-konvenuti sa fejn għandhom x'jaqsmu maċ-ċaħda tal-ħames eċċezzjoni tal-Parroċċa. Għalkemm li f'dik l-eċċezzjoni l-Parroċċa ssottomettiet tajjeb li donazzjoni tista' titħassar biss fuq is-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva espressa jew taċità, il-Parroċċa però waqqgħet l-argument kollu tagħha meta reġgħet tenniet li d-donazzjoni kienet waħda rrevokabbli, kif ukoll meta qalet li ma kien hemm l-ebda klawsoli li setgħu jagħtu lok għall-kondizzjoni riżoluttiva;

94. Ma jistax però jingħad l-istess għas-sitt eċċezzjoni li fiha l-Parroċċa qajmet id-difiża li fil-kuntratt tad-donazzjoni m'hemm l-ebda kondizzjoni riżoluttiva espressa u li fl-agħar ipotesi l-Ewwel Qorti kellha tagħtihom żmien biex iwettqu dak imsemmi fil-kuntratt. Ġaladarba li l-Ewwel Qorti qieset li l-konvenuti kienu qegħdin iħarsu l-obbligi imposti fuqhom bil-kuntratt ta' donazzjoni, allura l-Ewwel Qorti kellha minn tal-inqas tastjeni milli tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni u mhux tiċħadha;

[117] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet' ***Jesmond Grixti v. Dr. Mark Mifsud Cutajar***, deċiża minn din il-Qorti fit-**12 ta' Mejju, 2022**.

95. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mas-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet, li fihom tressaq l-argument li l-klawsola dwar l-użu tal-ġid donat ma kinitx timponi obbligi li minħabba fihom seta' jitħassar kuntratt, iżda biss modalitajiet ta' użu li huwa wkoll suġġett għall-finanzjament u l-pass li bih jista' jimxi d-donatarju, il-Qorti jidhrilha li ċ-ċaħda ta' dawn l-eċċezzjonijiet ma tmurx kontra l-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, anzi, għall-kuntrarju, jirrifletti dak li sabet l-Ewwel Qorti u sewwasew li l-klawsola dwar l-użu li dwarha tressqu s-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet "*għandha n-natura ta' kondizzjoni riżoluttiva taċita*";

96. Fl-aħħar nett, u sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ilment dwar iċ-ċaħda tal-għaxar eċċezzjoni li fiha l-Parroċċa sempliċiment niżżlet li kienet qed tagħmel bħala tagħha l-eċċezzjonijiet kollha tal-Arċidjoċesi, il-Qorti tħoss li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad dik l-eċċezzjoni, u dan aktar u aktar meta fis-sentenza appellata tniżżel li kienet qed tintlaqa' waħda mill-eċċezzjonijiet tal-Arċidjoċesi. Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni, u dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, dik l-eċċezzjoni kienet qed tiġi deċiża hekk kif il-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tal-Arċidjoċesi. Din il-Qorti tifhem li dik il-parti tas-sentenza appellata kienet nuqqas fit-tfassil tal-kitba aktar milli rifless tal-konsiderazzjonijiet li kienu saru fis-sentenza appellata. F'dan is-sens, din il-Qorti ser tkun qegħda għalhekk tħassar iċ-ċaħda tal-

għaxar eċċezzjoni tal-Parroċċa, u dan biex jiġi mwarrab ukoll kull ekwivoku;

97. L-aħħar aggravju tal-appelli inċidentali ser ikun qiegħed għalhekk jiġi limitament milqugħ fil-parametri hawn fuq imfissra u fir-rigward biss: tat-tielet (3), is-sitt (6), u l-għaxar (10) eċċezzjonijiet tal-Parroċċa. Min-naħa l-oħra, Sa fejn fis-sentenza appellata kienu miċħuda t-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-seba' (7), u t-tmien (8) eċċezzjonijiet tal-Parroċċa, ser tkun konfermata;

98. Jifdal biss **it-tielet aggravju tal-appell ewlieni** li huwa mbagħad dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li ddeċidiet il-kap tal-ispejjeż. F'dan ir-rigward, l-atturi qegħdin iressqu tliet argumenti għalfejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddeċiedi li l-ispejjeż kollha tal-kawża kellhom jiġu mħallsa minnhom. Fl-ewwel argument, l-atturi jissottomettu li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellhom ibatu l-ispejjeż tal-kawża u dan għaliex "*l-Ewwel Qorti sabet li kien hemm dekadenza tal-obbligi da parti tal-intimati u kien biss wara l-intavolar tal-kawża li "bdew" jonoraw il-piżijiet imposti*". It-tieni raġuni hija li l-Ewwel Qorti kellha taqsam l-ispejjeż *pro-rata* għaliex b'dik is-sentenza ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati għajr għal waħda biss kull wieħed. L-aħħar raġuni hija mbagħad li l-ispejjeż tal-Parroċċa li ġiet imsejħa fil-kawża kellhom f'kull każ jitħallsu mill-Arċidjoċesi;

99. Il-Qorti, jidhrilha li l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma hija tajba biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti tibdel il-kap tal-ispejjeż kif deċiż fis-sentenza appellata. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li d-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-qsim tal-ispejjeż ġudizzjarji hija waħda diskrezzjonali li tiddependi ħafna miċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ[118]. Ingħad ukoll li "*l-ġudizzju mogħti mill-Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż għandu jkun riżultat ta' konsiderazzjoni matura dettata mill-kuxjenza*", u mhux xi eżerċizzju matematiku[119];

100. Minbarra li diġà tfisser kif ma huwa minnu xejn li, sa qabel ma nbdiet din il-kawża, il-konvenuti kienu naqsu li jwettqu l-obbligi li joħorġu mill-kuntratt ta' donazzjoni mertu tal-każ, fil-fehma tal-Qorti din il-kawża kompliet tiġi kkumplikata għal xejn b'xejn meta l-atturi għażlu r-rotta li jfettqu dwar għadd ta' 'kondizzjonijiet' li kif rajna ma joħorġux mill-kuntratt ta' donazzjoni u li għalhekk ma setgħu jwassluhom imkien. F'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jintrefgħu mill-atturi, u dan minkejja l-fatt li dik il-Qorti għażlet li tiċħad il-biċċa l-kbira tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex il-Qorti tgħaddi għad-

[118] Ara b'eżempju s-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ***Costantino Muscat pro et noe. v. Nazzareno sive Reno Muscat et,*** deċiża minn din il-Qorti fl-**1 ta' Ottubru, 2004**; ***Lawrence Ħili v. Louis Hayman,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) PS fil-**10 ta' Jannar, 2003**; ***Raymond u Sharon Borġ v. Ħal Mann Limited,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) PS fl-**20 ta' Ottubru, 2003**.

[119] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***John sive Juanito Pulliċino v. Carm Lino Scerri,*** deċiża fis-**17 ta' Frar, 2022**.

deċiżjoni finali tagħha, biex ikun ingħad kollox xieraq jingħad li lanqas ma hija mistħoqqa t-tielet raġuni li fuqha l-atturi appellanti qed jitolbu bidla fil-każ tal-ispejjeż. Kif intqal aktar qabel, il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-Parroċċa ma kellhiex tissejjaħ fil-kawża, u għalhekk il-Qorti lanqas ma ssib xejn irraġonevoli fil-fatt li s-sentenza appellata sabet li l-atturi jridu jħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża tal-Parroċċa;

101. It-**<u>tielet aggravju tal-appell ewlieni</u>** qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud għal kollox;

***Decide:***

102. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell ewlieni** tal-atturi, **tilqa' parzjalment l-appelli inċidentali tal-konvenuti**, u b'hekk:

Filwaqt li qed **tikkonferma għal kollox id-digriet** mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2014, **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi: (i) **tħassarha** fejn ċaħdet il-ħames eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi, u minflok tilqa' dik l-eċċezzjoni; (ii) **tħassarha** fejn ċaħdet is-seba' eċċezzjoni tal-Arċidjoċesi kif ukoll it-

tielet eċċezzjoni tal-Parroċċa, u minflok tilqa' dawn l-eċċezzjonijiet limitatament u dan sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-klawsoli bin-numru tlieta (3) u erbgħa (4) tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Awwissu, 1997, u li ssemmew f'paragrafi 47 u 48 ta' din is-sentenza; (iii) **tħassarha** wkoll fejn ċaħdet is-sitt (6) u l-għaxar (10) eċċezzjonijiet tal-Parroċċa, u minflok tiddikjara li qed tastjeni milli tiddeċidihom; u (iv) **tikkonfermaha fil-bqija** sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

**L-ispejjeż** kollha marbuta mal-appell ewlieni tal-atturi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti solidalment bejniethom, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta mal-appelli inċidentali tal-konvenuti għandhom jitħallsu kif ser jingħad: (i) dawk marbuta mal-appell inċidentali tal-Arċidjoċesi għandhom jinqasmu ndaqs bejnha u l-atturi solidalment bejniethom; u (ii) dawk marbuta mal-appell inċidentali tal-Parroċċa għandhom ukoll jinqasmu ndaqs bejnha u l-atturi solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da